NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

Nru. 123 Settembru - Diċembru 2026



## Il-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JIFRAĦ LILL-ANZJANI KOLLHA FL-OKKAŻJONI TAL-JUM INTERNAZZJONALI TAL-ANZJANI L-1 TA' OTTUBRU 2026

F'din l-edizzjoni...



2 Dr Ian Borg LLD, Dip Not Pub, LLd, MP
Deputat Prim Ministru u
Ministru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva



2 Dr Deo Debbatista MD., MMCFD, PM
Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva



24 Dr Paula Mifsud Bonnici LLd, MP
Shadow Minister għall-Anzjani
fi ħdan il-Partit Nazzjonalista



# Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jifraħ u jagħti merħba lil Dr Ian Borg għall-ħatra tiegħu bħala Deputat Mexxej u Ministru tas-Saħħa u Anzjanità Attiva

L-Onorevoli Ian Borg twieled u trabba Ħad-Dingli. L-interess bikri tiegħu fis-servizz pubbliku u fil-governanza wasslu biex isegwi studji fil-liġi. Huwa ggradwa mill-Università ta' Malta fl-2012 wara li temm b'suċċess Dottorat fil-Liġi, Diploma fil-Prattika Nutarili u Lawrja tal-Baċellerat fil-Liġi.

Fis-sena 2005, meta kien għad kellu biss dsatax-il sena, huwa kien elett Sindku ta' Ħad-Dingli u, b'hekk, sar wieħed mill-iżgħar sindki fl-istorja ta' Malta. Huwa serva f'din il-kariga sal-2013 meta għadda għall-politika nazzjonali. Infatti, dik is-sena, Ian Borg kien l-iżgħar Membru tal-Kabinett wara li nħatar Segretarju Parlamentari għall-Presidenza kif ukoll għall-Fondi tal-UE fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Fl-2017, Dr Borg inħatar Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali. Taħt it-tmexxija tiegħu, sar progress kbir fl-iżvilupp tat-toroq arterjali, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fi proġetti oħrajn ta' infrastruttura. B'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali u ma' *Infrastructure Malta*, il-Ministru Borg beda proġett nazzjonali biex jinbnew mill-ġdid mijiet ta' toroq residenzjali fil-lokalitajiet kollha u, permezz t'hekk, tejjeb l-infrastruttura u l-aċċessibbiltà għall-komunitajiet madwar Malta. Barra minn dan, huwa ssorvelja diversi proġetti mwettqa mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u kkontribwixxa għall-modernizzazzjoni u t-titjib tal-infrastruttura pubblika tal-pajjiż.

F'Settembru 2024, Dr Ian Borg kien elett Deputat Kap tal-Partit Laburista għall-Affarijiet Parlamentari. B'riżultat ta' dan, flimkien mar-rwol tiegħu bħala Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, Dr Ian Borg inħatar ukoll Deputat Prim Ministru u, fis-26 ta' Novembru tas-sena 2024, huwa kien fdat bil-portafoll tat-Turiżmu.

Wara l-elezzjoni ġenerali tal-2026, Dr Ian Borg inħatar Ministru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva u, għal darb' oħra, kien ikkonfermat bħala Deputat Mexxej tal-Partit Laburista.



# Il-Kunsill jifraħ ukoll u jawgura lil Dr Deo Debattista, MD, MMCFD, MP għall-ħatra tiegħu bħala Segretarju Parlamentari responsabbli għall-Anzjanità Attiva

It-Tabib Deo Debattista twieled il-Belt Valletta nhar l-Erbgħa, 24 ta' Lulju tas-sena 1963. Huwa ggradwa bħala tabib u, wara li ħadem l-isptar, kompla jispeċjalizza fil-qasam ta' tabib tal-familja u huwa Membru tal-*Malta College of Family Doctors*.

Fil-karriera medika, it-Tabib Debattista offra s-servizzi professjonali tiegħu f'diversi lokalitajiet u oqsma u dan għenu ferm biex ilaqqgħu ma' nies u pazjenti bi bżonnijiet u realtajiet differenti u kumplessi. Dawn l-esperjenzi kienu, u jibqgħu, il-bażi tal-karriera politika ta' Deo, kif jafuh in-nies.

Din mhijiex l-ewwel darba li l-Prim Ministru għoġbu jafda lit-Tabib Deo Debattista b'responsabbilitajiet fil-Kabinett tal-Ministri għax, qabel dan iż-żmien, Dr Debattista diġà serva bħala Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Indafa Pubblika u l-Affarijiet tal-Konsumatur fejn, fost affarijiet oħrajn, kien responsabbli mill-Awtorità għall-Mediċini f'Malta. F'dak iż-żmien, it-Tabib Debattista ta l-kontribut siewi tiegħu fir-regolamentazzjoni tat-tagħmir mediku b'mod aktar sigur għall-pazjenti kollha u anki xpruna inizzjattivi ta' aċċessibilità ta' mediċini għal kulħadd flimkien ma' roħs fil-prezzijiet tal-mediċini. Illum, it-Tabib Deo Debattista huwa s-Segretarju Parlamentari l-ġdid responsabbli għall-Anzjanità Attiva. Meta tqis li t-Tabib Debattista dejjem żamm il-pazjenti fiċ-ċentru tal-ħidma tiegħu, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani huwa fiduċjuż li Deo jibqa' kommess li jkompli l-ħidma tiegħu biex dejjem itejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-anzjani kollha kemm hi b'mod mill-iktar inklussiv f'dinja li qed tkompli dejjem tiżvolġi b'passi mill-iktar mgħaġġlin.

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Josiah Grech, Mary Mangion
u Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Text Layout & Distribution:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Anthony De Giovanni

**Viċi President:**
Peter Paul Bonnici

**Segretarju:**
Raymond Cardona

**Ass. Segretarju u Segretarju Internazzjonali:**
Emanuel Deguara

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Andrè Vassallo Grant

**Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi:**
Mary Mangion

**Ass. U.R.P.:**
Mary Farrugia

**Membri:**
Saviour Attard
Louise Azzopardi
Lino Debono
Anthony Grech
Emanuel Grima
Alfred Mallia
Paul Muscat

**Membri Co-Opted:**
Pawlu Caruana
Josiah Grech

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860**
**E-mail: maltakna@gmail.com**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

# *EDITORJAL*



## Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

L-attriċi famuża ta' Hollywood, Katharine Hepburn, tirrakonta ġrajja ħelwa ta' meta kienet żgħira. Fi kliemha stess, tgħid hekk:

"Darba, meta kelli xi tlettax-il sena, kont ma' missieri fil-kju biex naqtgħu l-biljetti għaċ-ċirklu. Sa fl-aħħar, familja waħda biss kien għad fadal quddiemna sa ma kien imissna aħna. Dik il-familja tassew impressjonatni. Familja ta' tmint itfal; probabbilment, kollha taħt it-tnax-il sena. Minn ilbieshom, għalkemm indaf u puliti, stajt tobsor li ma kinux xi sinjuri. It-tfal kollha kienu jafu jġibu ruħhom tajjeb; jistennew fil-kju, tnejn tnejn u id f'id wara missierhom u ommhom. Kienu eċitati jitkellmu dwar il-buffi tal-kummiedja, l-annimali eżotiċi u dak kollu li kienu ser jaraw dakinhar. Mill-eċitament tagħhom, kien jidher ċar li qatt qabel ma kienu marru ċ-ċirklu. Din kienet ser tkun xi ħaġa veru speċjali għalihom.

Il-missier u l-omm kienu fuq quddiem u dehru ferħanin li kienu ser jagħtu din l-esperjenza sabiħa lill-uliedhom. Il-mara kienet qed iżżomm id żewġha u tħares lejn wiċċu qisha qed tgħidlu li, hu, huwa l-kavallier qalbieni tagħha. Hu kien qed jitbissem jara lil familtu daqstant kuntenta.

It-tfajla ta' wara l-ħġieġa staqsietu kemm biljetti ried. Imkabbar bih innifsu, qalilha li ried tnejn kbar u tmienja żgħar. Meta t-tfajla qaltlu kemm jiġu, l-omm ħalliet id żewġha u wiċċha sfar filwaqt li l-missier beda jlaqlaq. Ħaseb li ma kienx sema' tajjeb u, allura, reġa' staqsieha kemm u t-tfajla rrepetiet l-ammont ta' qabel. Kien jidher ovvju li l-missier ma kellux flus biżżejjed. Tfantas! Kif kien ser jgħid lit-tmien uliedu li ma setax joħodhom iċ-ċirklu?

Għalkemm ma konniex xi sinjuri, meta missieri ntebaħ x'kien qed jiġri, daħħal idejh fil-but, ħareġ karta ta' għoxrin dollaru u tefagħha fl-art quddiemu. Imbagħad, missieri tbaxxa, ġabar dik il-karta tal-flus, taptap fuq spallejn ir-raġel u qallu: "Skużani ta, imma, waqgħetlek din mill-but!" Ir-raġel fehem x'għamel missieri. Kienet karità b'dinjità! B'hekk, dak il-proxxmu ma kellux għalfejn jimbarazza ruħu billi jammetti li ma kellux flus iżjed jew jumilja ruħu billi jittallab il-ħniena. Huwa apprezza l-għajnuna f'sitwazzjoni ddisprata, imbarazzanti u ta' qsim il-qalb. Ir-raġel ħares dritt f'għajnejn missieri, qabadlu jdejh it-tnejn u, b'xuftejh jirtogħdu u b'demgħa mdendla ma' xfar għajnejh, qallu: "Grazzi ħafna! Grazzi sinjur! Din tfisser ħafna għalija u għall-familja tiegħi!"

Missieri u jien morna fil-karozza u tlaqna lura lejn id-dar. B'dawk l-għoxrin dollaru missieri kien ser jixtri l-biljetti biex nidħlu ċ-ċirklu. Għalkemm ma rajnihiex il-kummiedja dakinhar, it-tnejn ħassejna ċertu ferħ ġewwa fina li jisboq dak kollu li seta' jipprovdi kwalunkwe spettaklu ieħor li stajna nassistu għalih. Dakinhar, tgħallimt il-valur li tagħti lil ħaddieħor. Li tagħti huwa isbaħ milli tirċievi. Jekk trid sodisfazzjon fil-ħajja, tgħallem agħti. L-imħabba ma tinsabx f'dak li inti tistenna li tirċievi imma f'dak li inti lest li tagħti; anki jekk huwa kollox! L-importanza li tagħti lill-proxxmu qatt ma tista' tkun emfasizzata żżejjed għax, meta tagħti, dejjem issib il-ferħ. Tgħallem agħmel lil ħaddieħor ferħan billi tagħti u tara kemm inti stess tagħmel lilek innifsek ferħan."

Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

# RAPPORT AMMINISTRATTIV TAS-SENA 2025
# TAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI
## Li nqara waqt l-Assemblea Ġenerali Annwali
## tal-Kunsill li saret It-Tlieta, 21 t'April 2026






Matul is-sena 2025 il-Kunsill iltaqa' regolarment kull xahar u kull meta kien meħtieġ. Saru wkoll diversi laqgħat tas-Sottokumitati. L-attendenza tal-membri għal-laqgħat matul is-sena kienet tajba.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, wettaq diversi ħidmiet, u għamel kuntatt u laqgħat ma' diversi Ministri, Entitajiet u Organizzazzjonijiet. Rappreżentanti tal-Kunsill attendew *seminars* u konferenzi. Attendew ukoll Assemblej taż-żewġ partiti poltiċi prinċipali u laqgħat ġenerali ta' diversi għaqdiet/organizzazzjonijiet affiljati u entitajiet oħra.

Fil-qasam internazzjonali l-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, attenda regolarment laqgħat tal-*AGE Platform Europe* fi Brussell, organizzazzjoni li tagħha l-Kunsill huwa membru attiv. Il-President iservi bħala Viċi President tal-*AGE Platform* u jifforma parti mill-Kumitat Eżekuttiv tal-*AGE* u Ċermen tal-Kumitat tal-Akkreditazzjoni. Is-Segretarju Internazzjonali, is-Sur Emanuel Deguara, jirrappreżenta lill-KNA fl-Assemblea Ġenerali Annwali tal-*AGE*. Diversi membri tal-Kunsill jieħdu sehem attiv fit-*Task Forces* tal-*AGE* dwar diversi temi li jikkonċernaw il-persuni anzjani.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jinnomina żewġ membri fuq il-Kunsill maħtur skont il-Liġi tal-Kummissarju tal-Anzjani sabiex jagħti pariri kif ukoll jimmonitorja l-implimentazzjoni ta' strumenti internazzjonali.

Kisbiet:

a) Il-Kunsill ħadem sabiex ikollu verzjoni bill-Malta ta' terminoloġija important bħalma hi *Ageism* u *cioe* l-isterotipar, il-preġudizzju u d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-Età. Wara diskussjonijiet mal-Kunsill tal-Malti li kkonsultaw esperti tal-lingwa Malti sar qbil li bil-Malti l-kunċett ta' *Agiesm* ikun espress bil-kelma Etaiżmu. Il-Kunsill ħadem sabiex din il-kelma tkun stabbilita.

b) Il-KNA ħa sehem attiv fil-ħidma tal-*AGE Platform* sabiex id-Direttiva tas-Sewqan ma timpattax b'mod negattiv fuq is-sewwieqa anzjani billi kienu qed ikunu diskussi restrizzjonijiet fuq il-persuni anzjani proposti mill-Kumissjoni Ewropea, bl-*advocacy and lobbying* li l-KNA għamlet sew lokalment kif ukoll ma għaqdiet oħra fuq skala Ewropea. Id-deċizjoni tal-Kunsill tal-Ministri u tal-Parlament Ewropew kienet li r-regolamentazzjoni titħalla f'idejn il-gvernijiet domestiċi.

c) Bil-kollaborazzjoni tal-KNA ma' din l-għaqda u bil-għajnuna tal-BEUC l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Konsumatur segwejna l-iżvilupp tad-Direttiva tal-Mediċini li introduċiet il-QR *code* iżda li setgħet waqqfet il-*leaflet* informattiv. Il-KNA nagħtat ċertezza mill-Ministru tas-Saħħa li f'Malta il-*leaflet* ser jinżamm.

d) Bil-għajnuna tas-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Dr Malcolm Paul Agius Galea, il-kontribuzzjoni tal-pensjonanti li jkunu rikoverati fid-Djar u l-iSptar tal-anzjani ddaħlet miżuri fil-Baġit 2026 aktar favorevoli għall-anzjani billi tnaqqsu fil-persentaġġi tal-kontribuzzjonijiet.

e) Il-KNA kienet protagonista fil-*lobby* sabiex il-Pajjiż jissapportja l-inizjattiva tal-UNECE dwar il-konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni Anzjani.

Laqgħat:

Saret laqgħa ta' kortesija mal-E T Miriam Spiteri Debono, President ta' Malta, lil hija l-Patruna tal-KNA, fejn ġie diskuss materji li jolqtu l-persuni anzjani u fost l-oħrajn il-ħtieġa li l-età tkun inkluża fil-Kostituzzjoni bħala karatteristika protetta.

Laqgħat mal-Onor. Dr Jo Etienne Abela, MD, MP, Ministru tas-Saħħa u Anzjanità Attiva, u mal-Uffiċjali tal-Ministeru tiegħu. Fuq materji li għandhom x'jaqsmu fis-saħħa tal-Anzjani, u l-ħtieġa li jiżdiet is-sapport finanzjarju tal-KNA. Saru wkoll diskussjonijiet dwar, l-*Outpatients* għall-anzjani ġewwa San Vinċenz De Paul, is-Servizz tas-*Silver T*, l-anzjanità, il-ġejjieni u l-parteċipazzjoni fl-ippjanar, il-kura fit-tul.



Laqgħa mal-Onor. Dr Malcolm Paul Agius Galea, MD, MP, Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva, kif ukoll mal-Uffiċjali ta' San Vinċenz De Paul, dwar il-kontribuzzjoni tal-pensjonant li jkun rikoverat fid-Djar u Sptar tal-anzjani fejn ġie miftiehem li jsiru miżuri favur il-pensjonant. Bħala riżultat il-Baġit tal-2026 idaħħal tnaqqis fil-persentaġġ tal-kontribuzzjonijiet fis-seħħ f'Rikonoxximent Statutorja, Djar tal-Anzjani: il-KNA għamel ukoll proposta dwar rappreżentanza tal-Anzjani fuq il-*Board* tal-OPSA, u ddiskuta titjib fis-Servizz tas-*Silver T*.

Saru laqgħat regolarment ma' Dr Steve Agius, CEO tal-AAKK, flimkien mas-Sur Alex Gobey, COO tal-AAKK, fejn ġew diskussi diversi proġetti ta' kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-Aġenzija għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità. Fejn flimkien saru diversi proġetti u għajnuniet ta' tqassim tal-*Magazine* 'L-Anzjani Llum'.

Delegazzjoni tal-KNA ltaqghet ukoll ma':

L-Onor. Dr Michael Falzon MP, Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, kif ukoll mas-Segretarju Permanenti, is-Sur Mark Musu', u uffiċjali oħra ta' Sigurta' Soċjali, fejn ġew diskussi l-Anomaliji li nħolqu matul iż-żmien kawża ta' riformi, provedimenti fid-diversi Baġits, benefiċċji bil-persentaġġ u tibdiliet oħra. Saru wkoll proposti għal benefiċċju tal-pensjonanti u t-titjib fil-livell tal-għajxien tal-anzjani. Il-KNA saħaq fuq ir-rappreżentanza tal-persuni anzjani fil-*Pension Working Group*.

L-Onor. Dr Andy Ellul, MP, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali u l-Akkomodazzjoni, dwar rappreżentanza adegwata tal-persuni anzjani fl-MCESD u konsultazzjoni stutturata u permanenti fil-fora kollha li jolqtu l-anzjani.

Saret ukoll korrispondenza mas-Sa Maria Micallef, Ċerperson tal-MCESD, u ma' Dr Brenden Zerafa, CEO tal-MCESD, dwar rappreżentanza permanenti tal-Anzjani f'dan il-*Forum*.

L-Onor. Dr Chris Bonett, MP, Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, fejn ġie diskuss is-sewieqa anzjani, is-sigurtà fit-toroq, is-servizz tat-trasport pubbliku, l-*insurance* tas-sewqan, kordinament bejn id-diversi Entitajiet Regolatorji, *Signage* u *Traffic Lights* fit-toroq u *pedestrian,* bankini u infrastrutura kif ukoll il-*lift tal-Foss* ta' San Ġakbu.

Laqgħa mal-Onor. Roderick Galdes, MP, Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, dwar l-akkomodazzjoni u l-anzjani.

Il-Kunsill ipparteċipa permezz tal-konsultazzjoni pubblika dwar il-midja soċjali mas-Segretarju Parlamentari għall-Ugwaljanza u r-Riformi.

Saret laqgħa mall-Onor. Dr Alex Borg, Kap tal-Oppożizzjoni u Kap tal-Partit Nassjonalista, fejn ġew diskussi: In-narrattiva politika u r-rakkomandazzjoni tal-WHO, l-etaiżmu u l-inklużjoni tal-età bħala karatteristika protetta fil-Kostituzzjoni ta› Malta, isemmew ukoll il-Bliet u rħula li jkunu *age-friendly*, u l-parteċipazzjoni tal-anzjani fl-ippjanar u fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Il-Kunsill ikkopera wkoll u kellu laqgħa ta' kortesija mal-Assoċjazzjoni għad-Drittijiet tal-Konsumatur immexxija mill-President is-Sa Pauline Azzopardi, fejn ġew diskussi: Koperazzjoni u azzjonijiet flimkien, l-anzjan bħala konsumatur, Il-*Patient Information Leaflet update,* l-*Insurance* primjums tal-anzani, is-servizzi għall-anzjani u d-*diġital gap*.



Saret laqgħa mal-*Malta Bankers Associations* fejn il-Kunsill, iltaqa' maċ-*Chairman is*-Sur Kenneth Farrugia, u s-Segretarju Ġenerali s-Sur Karol Gabarretta, fejn ġew diskussi: Is-Servizzi bankarji u affarijiet relatati, l-*online banking*, servizz bit-telefon u *scams* u sigurtà.

Saret laqgħa wkoll mas-Sa Catherine Calleja, *President Insurance Association Malta,* fejn ġew trattati diversi temi li jaffettwaw liċ-ċittadini anzjani f'Malta, b'mod partikolari dwar is-servizzi ta' assigurazzjoni u ħwejjeġ relatati.

**Konferenza tal-Għaqdiet Affiljati**
Saret il-laqgħa statutorja mal-Għaqdiet Affiljati permezz ta' *workshops* fejn ħarġu b'ideat u suġġerimenti fir-rigward il-prijoritajiet tal-anzjani u x'inhu mistenni mill-Kunsill.

Minn dawn il-*workshops* ħareġ li:

(a) Flimkien mas-sitwazzjoni soċjali u amministrattiva, is-saħħa, kemm mentali kif ukoll dik fiżika, hija ta' importanza kbira għall-anzjani;
(b) Laqgħat bħal dawn għandhom isiru aktar frekwenti biex nisimgħu s-suġġerimenti u l-ideat li jista' jkollhom dawn l-Għaqdiet u Assoċjazzjonijiet; u,
(c) Billi jkunu identifikati s-suġġerimenti ta' dawn l-Għaqdiet u Assoċjazzjonijiet ħalli l-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jgħaddi l-ideat tajbin li joħorġu lill-awtoritajiet kompetenti.
(d) Hemm il-ħtieġa li nitkellmu iżjed dwar is-servizzi bankarji u l-iżolament minħabba n-nuqqas ta' litteriżmu diġitali (AI u IT) għax dan qiegħed iżomm lil ħafna anzjani milli jipparteċipaw kif jixraq f'dinja li, kulma tmur, qegħda ssir dejjem aktar diġitali;
(e) Fil-Kunsilli Lokali għandu jkun hemm *one-stop-shop* apposta biex jindirizza d-diffikultajiet kollha li jkollhom l-anzjani;
(f) Għandhom isiru iktar laqgħat (*intergenerational*) li jlaqqgħu ż-żgħażagħ mal-anzjani għax l-anzjani huma ż-żgħażagħ tal-imgħoddi u ż-żgħażagħ huma l-anzjani tal-ġejjieni;
(g) Is-servizz *Customer Care* 153, ma tantx huwa effettiv għax is-sistema ta' *answering machine* fid-dipartimenti xejn ma tgħin lill-anzjani;
(h) Il-banek għandhom jallokaw ċerti ħinijiet għal servizzi esklussivament għall-persuni anzjani; u,
(i ) Fl-aħħar nett, kien hemm min staqsa jekk is-*Seventy-Five Plus* għadux jgħodd; kien hemm min semma› d-dewmien tal-anzjani sakemm jinqdew fiċ-Ċentri tas-Saħħa u kien hemm ukoll min issuġġerixxa xi tip ta› kumpens stabbilit fis-sistema offrut mill-istat għal min isofri xi danni.

**Laqgħa Ġewwa Għawdex**
F'Novembru saret il-Laqgħa annwali ġewwa Għawdex. Bħala parti mill-programm saret laqgħa mal-*Gozo Regional Development Authority* – GRDA, ġewwa l-Uffiċċju tagħhom, fejn is-Sur Ivan Falzon, CEO tal-GRDA tkellem dwar il-ħidma tal-Awtorità li tikkomprendi analażi xjentifiku u tiġbor evidenza biex jgħadduha lill-Gvern bex fuqha jissawru l-*policies*. Huwa tkellem dwar li-popolazzjoni Għawdxija li qed tikber u dan għal raġuni li hemm ħafna Maltin, u ħafna Għawdxin li kienu emigraw qed jerġgħu jiġu lura. Saret Diskussjoni dwar ir-Residenza Djar għall-Anzjani ġewwa Għawdex, it-trasport pubbliku l-isfidil fid-diġilizzazzjoni, u s-*cyber crime*.

Saret ukoll laqgħa fl-Uffiċċju ta' Għawdex tal-Onor. Ministru Dr Jo Etienne Abela, MP, fejn sibna tilqagħna s-Segretarja Privata tal-Ministru Abela, is-Sinjura Mariella Abela. Matul din il-laqgħa tqajmu diversi punti ta' interess ġenerali li jirrigwardjaw is-servizzi tas-saħħa offruti lill-anzjani. Barra minn dan, sar ukoll ftehim li, f'dan il-*magazine*, nibdew inġibu tagħrif dwar skemi tas-servizzi tas-saħħa li jinteressaw lill-anzjani.

**Stediniet**:
Saru diversi stediniet li l-Kunsill bagħat rappreżentant għalihom. Fost dawn kien hemm Quddiesa Pontifikali f'Jum il-Vitorja, diversi konferenzi u avvenimenti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-anzjanità bħall-AACC *Employee Awards* 2024 u l-Premju Anzjan tas-Sena.

**Media Soċjali**:
Saru ħafna ħidmiet biex intejbu u nżidu s-sit elettroniku billi naġġornaw dejjem il-*Website*, il-*Facebook* tal-Kunsill, kif ukoll *Instagram* u *Twitter,* u dan kollu grazzi lis-Sur Josiah Grech tal-ħidma tiegħu fuq dan is-sit eletroniku.

**Il-*Magazine* tal-Kunsill - 'L-Anzjani Llum'**
Dan il-*Magazine* li bqajna nippublikawh bil-ħidma fejjieda tal-Editur is-Sur Vincent Piccinino, bl-għajnuna tas-Segretarja Amministarttiva, is-Sinjura Marica Attard Cassar u l-Bord Editorjali. Dawn dejjem raw u ħadmu qatieh biex dan il-*Magazine* jkun dejjem aktar attraenti, informattiv, u l-anzjan jieħu pjaċier jaqrah. Apparti li wieħed jista' jsibu fuq is-sit eletroniku wkoll.

Nixtieq nieħdu din l-okkażjoni fejn nirringrazzja lil kontributuri li jiktbu fuq il-*Magazine,* tal-kontribut li jagħtu bil-kitbiet tagħhom, kif ukoll lil dawk kollha li taw xi donazzjoni. Issa aktar minn qabel fejn apparti l-karta u l-istampar dejjem jogħlew, kif wieħed jaf li kollox ma jibqax l-istess prezz, kif ukoll l-impustar li dejjem togħla. Posta għal kull magazine issa qegħdin inħallsu 58c.

Ma nistax nagħlaq mingħajr ma niżżi ħajr lill-membri kollha tal-Kunsill tax-xogħol siewi tagħhom u l-għajnuna li dejjem sibt minnhom fil-qadi ta' dmirijieti bħala Segretarju. U fl-aħħar, imma żgur mhux l-inqas, ħajr lis-Segretarja Amministrattiva, is-Sinjura Marica Attard Cassar, għax-xogħol u l-appoġġ li dejjem tagħti lill-Kunsill u l-għajnuna li jien personalment dejjem sibt minnha.

Grazzi

Raymond Cardona
Segretarju Onorarju

# Għala l-mixi huwa tajjeb

*Kitba ta' Vincent Piccinino*



Spiss nisimgħu min jgħid li l-bniedem ma jgħix bil-ħobż biss. U veru! Infatti, biex jaħdem kif għandu jkun, il-ġisem tal-bniedem għandu bżonn ukoll l-eżerċizzju; jeħtieġ li jiċċaqlaq u jitħaddem għax, inkella, jitgħażżen, jistaġna u jiġġammja. Ejja ngħiduha kif inhi! Kulħadd għandu bżonn l-eżerċizzju, mhux aħna l-anzjani biss. Imma, naturalment, aħna iktar u iktar għax, wara li nerfgħu mix-xogħol, jekk ma nagħtux kas, għandna tendenza li ngħaddu ħafna mill-ħin tagħna f'ħajja sedentarja; jew bilqiegħda nieklu, jew naraw it-*television* jew, inkella, mimdudin, biex nistrieħu, għax issa ħdimna biżżejjed u jixirqilna nistrieħu. U veru wkoll!

Imma, kif jgħidu, kollox irid ikun! M'għandniex nippretendu li nistgħu ngħaddu l-kumplament ta' ħajjitna kważi ma niċċaqalqux imbagħad, fl-istess ħin, nistennew li l-magna ta' ġisimna tibqa' tiffunzjona bħal qabel mingħajr ma nagħtuha *service* regolari, nibdlulha ż-żejt u nagħmlulha xi ftit *valetting* ukoll. Naturalment, tal-età tagħna, ħadd ma jippretendina mmorru l-*gym* jew niġġoggjaw imma, b'daqshekk, ma jfissirx li ma nistgħu nagħmlu assolutament xejn. U huwa, appuntu, għalhekk li l-mixi huwa l-eżerċizzju l-aktar addattat għalina l-anzjani għax, filwaqt li jagħtina l-benefiċċji meħtieġa, fl-istess ħin, ma jesponiniex għall-perikli ta' forom oħra ta' eżerċizzji iktar aggressivi li jipprattikaw dawk li għadhom ferm iżgħar minna.

U dan iġibni għas-suġġett ta' din il-kitba. X'inhuma dawn il-benefiċċji? Għala l-mixi huwa tajjeb? Kif naraha jien, il-mixi għandu tliet tipi ta' benefiċċji, li huma: **fiżiċi**, **mentali** u anki f'dak li hu ***wellbeing***, il-mod kif tħossok, il-kwalità tal-ħajja. Ejjew narawhom wieħed wieħed!

Nibdew b'dak li hu **fiżiku**. Huwa fatt magħruf li l-mixi jgħin ħafna liċ-ċirkulazzjoni tad-demm li hija funzjoni tant importanti għal ġisimna. Il-mixi jħaddem il-ġogi u l-muskoli u, b'hekk, jevita lil tal-ewwel milli jissaddu u lil tat-tieni milli jibbiesu. Studji sabu li pass meqjus fil-mixi, isaħħaħ il-qalb iktar minn eżerċizzju intens u li l-mixi ta' kuljum isaħħaħ l-irkupptejn u mhux idgħajjifhom, bħalma jibżgħu xi wħud. Barra minn hekk, ġie stabbilit ukoll li l-mixi moderat wara l-ikel ibaxxi l-livell taz-zokkor fid-demm iktar milli jekk toqgħod bilqiegħda jew timtedd. Kontra dak li jemmnu xi wħud, il-mixi jgħin anki d-diġestjoni tal-ikel billi jistimula ċ-ċaqliq tal-imsaren kif ukoll jattiva l-moviment tal-organi linfatiċi li jgħinu l-ġisem biex jeħles minn dawk l-affarijiet li m'għandux bżonn. Fl-aħħar nett, huwa indikat ukoll li, tul iż-żmien, il-mixi regolari jnaqqas iċ-ċans ta' infjammazzjoni kronika u dan barra li l-mixi fl-arja aperta jagħtina ċ-ċans nieħdu ftit nifsijiet fil-fond u nnaddfu l-pulmun mill-qiegħ.

Għal dawk li huma benefiċċji **mentali**, bla dubju ta' xejn, il-mixi, speċjalment fil-beraħ, isaħħaħ il-memorja iktar mill-movimenti ristretti li, normalment, nagħmlu d-dar. *Mens sana in corpore sano,* jgħid qawl Latin. Jiġifieri, 'moħħ frisk huwa kkondizzjonat minn ġisem b'saħħtu'. M'għandna bżonn ebda studju biex jgħidilna li l-mixi jistimula l-ħsieb kreattiv u anki jżid l-abbiltà li tgħinek issolvi l-problemi li jinqalgħu. Min jimxi jaf li mhux l-ewwel darba li jkollu problema, jew xi kelma fuq il-ponta ta' lsienu imma ma jistax jiftakarha, u jkun ispirat bis-soluzzjoni, jew bit-tnebbieħa tal-kelma li jkun qed ifittex, waqt li jkun għal kwiet jagħmel passiġġata. Il-mixi b'pass mgħaġġel *(at a brisk pace)* għal skop ta' eżerċizzju l-Ingliżi jsejħulu *the constitutional* u l-kliem li jużaw biex ifissru s-sensazzjoni li tħoss meta tagħmlu huma *invigorating* u *exhilarating* (jiġifieri, jimlewk bl-enerġija). Nitkellem għalija, mhux darba jew tnejn li l-ideat għal xi kitba bħal din jiġuni, appuntu, waqt xi waħda mill-mixjiet li nħobb nagħmel darbtejn kuljum; waħda filgħodu u l-oħra f'xi ħin waranofsinhar. Għalhekk, għamiltha drawwa li miegħi nġorr karta u lapes biex, jekk tiġini idea tajba, nieħu nota tagħha ħalli żgur ma ninsihiex sakemm nasal lura d-dar.

U lanqas m'għandna bżonn lil min jgħidilna li l-eżerċizzju jew, aħjar, fil-kaz tagħna l-anzjani, il-mixi, jgħin f'dak li hu ***wellbeing****,* għax tassew li tħossok aħjar bih. Anki l-aptit tiftaħ wara passiġġata tajba. L-ewwel nett, il-mixi ta' filgħodu jgħinek issib il-bilanċ bejn iċ-ċiklu tal-irqad u l-ħin li ngħaddu mqajmin.. Marbut ma' dan, ġie stabbilit ukoll li l-mixi konsistenti jtejjeb il-kwalità tal-istess irqad iktar milli kieku wieħed jorqod iżjed. Huwa nnotat ukoll li mixja, anki ta' għaxar minuti biss, tnaqqas l-ansjetà fi ftit tal-ħin. Għalhekk l-għaref jgħidlek biex ma tiħux deċiżjonijiet, speċjalment dawk important, fis-saħna tal-mument. Ieqaf! Mur imxi! *Cool down, man!* Eħles mill-ansjetà l-ewwel, imbagħad iddeċiedi.

Qatt ma nista' nenfasizza biżżejjed l-importanza kbira tal-eżerċizzju għal saħħitna; kemm dik fiżika kif ukoll dik mentali għax, kif għidt iktar 'il fuq, il-bniedem ma jgħix bil-ħobż biss u, fil-ħajja, kollox irid ikun! L-aħħar kelma tiegħi hija biex inħeġġiġkom tfittxu dejjem li tkunu anzjani attivi ta' veru. Qisu li toħorġu timxu imqar darba waħda kuljum, għal nofs siegħa; aħjar minn xejn. U anki meta tkunu d-dar bilqiegħda, il-parir tiegħi hu li, flok tgħaddu l-ħin kollu tiċċassaw quddiem it-*television* jew, inkella, imkaħħlin mal-*monitor* tal-*computer*, għandkom teżerċitaw moħħkom kemm tifilħu, billi jew taqraw xi ħaġa bis-sens, bħal dal-magażin, pereżempju, jew billi tagħmlu xi *crossword puzzle* jew issolvu xi *sudoku* ħalli la ġisimna u lanqas moħħna ma jiġġammjaw għax, meta karozza tiġġammja, fl-*iscrap yard* tispiċċa!

Kunu mberkin ... u narakom il-Mall!

# Il-Pensjoni tagħna meta mmorru noqogħdu ġo dar ta' Mistrieħ

***Minn ta' Emanuel Deguara***



Ħbieb, l-ewwel u qabel kollox nirringrazzjaw lil Mulej li tana il-grazzja li nerġgħu niltaqgħu permezz ta' dan il-magażin. U nawgura biex kulħadd igawdi il-kumplament tas-sajf u nżommu ruħna b'saħħitna billi nevitaw xemx diretta u nżommu ruhna friski.

Illum xtaqt li nitkellmu dwar dettalji għal meta niddeċiedu li mmorru ngħixu fi djar, hekk imsejħa tal-Anzjani, jien minn naħa tiegħi qed insejħilhom djar ta' mistrieħ. Qed insejħilhom hekk għaliex fil-viżjoni tiegħi, għandha tkun l-għażla tagħna li niddeċiedu li mmorru ġo dar ta' mistrieħ. Għandna niddeċiedu li mmorru b'dispożizzjoni pożittiva, u nħarsu lejn dawn id-djar daqs kieku sejrin villeġġjatura, fejn ser insibu lil min jieħu ħsiebna.

Mela ejja naraw kif tiġi aġġustata il-pensjoni tagħna meta nidħlu f'dawn id-djar:

Nibda biex ngħid li għal fini biex tiġi aġġustata l-pensjoni d-djar jinqasmu fi tnejn,

**(A)** Dawk id-djar jew istituzzjonijiet fejn ir-residenti jirċievu kura akuta ta' saħħa.

**(B)** Djar fejn iservu biss ta' residenza u ma tingħatax fihom kura akuta ta' saħħa.

Min ikun residenti ġo djar **(A)**, li huma l-Isptar San Vinċenz De Paul, l-Isptar Mater Dei inklużi djar oħra ikkuntrattati mill-istess Mater Dei, u ċ-Ċentru ta' Rijabilitazzjoni Karen Grech jiġu ċċarġjati 80% tal-pensjoni tagħhom kif ukoll 60% ta' dħul ieħor li jista jkollhom.

Dawk li jgħixu ġo djar taħt il-kategorija **(B)**, ikollhom tnaqqis ikkalkulat fuq 60% tal-pensjoni tagħom kif ukoll 60% ta' dħul ieħor li jista jkollhom.

Minn din is-sena, 2026, **jekk it-tnejn mill koppja** jkunu resident ġo dar ta' mistrieħ it-tnaqqis ikun ta' 70% flok 80% mill-pensjoni u 60% ta' dħul ieħor għal dawk ta' kategorija **(A)**, u ta' 50% flok 60% mill-pensjoni u 60% ta' dħul ieħor għal dawk ta' kategorija **(B)**.

Hemm ukoll kategorija ohra li ma tantx tissemma. Din hija speċifika għal residenti li jirritornaw lura il-proprjetà residenzjali li kienet mikrija lilhom mill-Awtorità tad-Djar meta jsiru residenti ġo dar ta' Mistrieħ. Min minn dawn ikollu kura taħt kategorija **(A),** tinqatagħlu 60% tal-pensjoni/benfiċċju li jirċievi u 40% ta' dħul ieħor li jista' jkollu. Dawk li jaqgħu taħt kategorija **(B)** tinqatgħalhom 40% tal-pensjoni/benefiċċju u 40% ta' dhul ieħor.

Ir-rati ta' tnaqqis jiġu kkalkulati mill-istituzzjoni fejn ikun ir-resident, u wara li l-istituzzjoni tgħaddi r-rati ta' tnaqqis lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, id-dipartiment jibda jnaqqas il-pensjoni skont ir-rati u data ta' bidu ta' residenza li ttiħ dik l-istituzzjoni.

Biex l-istituzzjoni kkonċernata tasal għal rata ta' tnaqqis ta' dawk is-60% ta' dħul ieħor apparti dak id-dhul minn pensjoni, jitolbu lir-resident biex jiddikjara dan id-dħul li jista' jkun ġej minn renti, imgħaxijiet, investimenti eċċ. Ta' min ifakkar, li għal fini fejn tissemma dħul minn pensjoni, ikun ifisser pensjoni ġejja minn fejn ġejja u mhux dik biss li toħroġ mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

Ikun hemm ħafna li jsaqsu l-għala mill-pensjoni qed tinqatgħalhom iżjed minn 80% jew 60% tal-pensjoni u jibqgħalhom ftit ħafna f'idejhom. Li jiġri ħafna drabi, huwa, li peress li r-rata ta' tnaqqis tinħadem fuq 80 jew 60 fil-mija tal-pensjoni kif ukoll 60% ta' dħul ieħor, meta tgħodd it-80/60 fil-mija mas-60 fil-mija ta' dhul ieħor jirriżulta persentaġġ ta' tnaqqis tal-pensjoni ogħla minn 80/60 fil-mija. F'kelma waħda dak it-tnaqqis ta' dħul ieħor, jinqata' wkoll mill-istess pensjoni fejn diġà qed jinqatgħu t-80/60%. Infatti jkun hemm każi fejn jekk ikun hemm ammont sostanzjali ta' dħul ieħor, il-pensjoni tista' titnaqqas kollha. Il-liġi imma tipprovdi li l-pensjonant irid jibqagħlu f'idu €1397,62 (Lm600) fis-sena. Din is-somma tista tkun fil-forma ta' imgħaxijiet, renti, interessi tad-dħul ieħor u mhux kemm jibqagħlu pensjoni f'idu.

Hawn ta' min ifakkar li l-pensjonant għandu dritt li jitlob lill-istituzzjoni biex tgħaddilu l-kalkolu ta' kif ikunu waslu għar-rata ta' tnaqqis.

Jekk nassumu li wieħed biss mill-koppja jkun/tkun marret tgħix f'dar ta' mistrieħ, u bejniethom it-tnejn, persuna waħda minnhom biss ikollha l-pensjoni tagħha. F'dan il-każ il-persuna li tibqa' tgħix ġor-residenza privata tagħha jkollha dritt għal 70% tal-pensjoni, anke jekk il-pensjoni ma tkunx tagħha. Il-*bonuses* statutorji jinqasmu bejn tnejn. Ikun hemm każi fejn min jibqa' fir-residenza privata tiegħu u jkollu pensjoni baxxa xorta jkollu dritt biex jieħu parti mill-pensjoni tal-konjugi sakemm il-pensjoni titla' għal 70% tal-pensjoni tar-resident ġod-dar tal-mistrieħ.

Jekk is-somma ta' 70% mħallsa lill-konjugi li jibqa' jgħix fid-dar privata tiegħu tkun inqas mill-pensjoni tal-età (il-pensjoni li mhix kontributorja) għal dik is-sena partikolari, ir-rata tiżdied għar-rata ekwivalenti daqs ir-rata tal-Pensjoni tal-Età. Il-pensjoni tal-Eta' din is-sena 2026, hija ta' €153.18 fil-ġimgħa.

Għal lum nieqfu hawn, ippruvajt inkun konċiż kemm jista' jkun bla ma nidħol f'xi dettalji tal-liġi ħalli dak li jkun jifhem aħjar, imma jekk ikun hemm min jixtieq elaborazzjoni fuq xi dettall partikulari, nistedinkhom tiktbu lil KNA fuq l-email imsemmi fil-magażin. Minn qalbi nerġa' nixtiqilkhom saħħa, ġid u paċi.

Inselli Għalikhom
Manuel



# IN MEMORIAM
## Lina Brockdorff 1930 - 2026

Nhar San Pawl ta' din is-sena, fl-10 ta' Frar, smajna b'dieqa li ħallietna s-Sinjura Lina Brockdorff fl-età venerabbli ta' ħamsa u disgħin sena. Lina Brockdorff kienet kontributur regolari ta' dan il-magażin u, mill-kummenti li nisma', naf li bosta huma dawk li jieħdu gost jaqraw l-istejjer ħelwin li kienet tikteb.

L-awtriċi, kittieba tad-drammi u xandara, Lina Brockdorff, twieldet l-Isla fil-21 ta' Mejju tal-1930.

L-edukazzjoni tagħha kienet interrotta fl-1939 meta skoppjat it-Tieni Gwerra Dinjija u meta ċ-ċkejkna Lina kien għad kellha biss disa' snin. Imma, fuq l-insistenza ta' missierha Patrick, meta ntemmet il-gwerra, Lina reġgħet marret lura l-iskola. Proprjament, Lina xtaqet taqbad karriera fil-mediċina imma, dak iż-żmien, il-ġenituri tagħha ma kinux jaffordjaw iżommuha ma taħdimx għal ħames snin sħaħ sakemm tispiċċa mill-Università u allura, minflok, bdiet taħdem bħala għalliema.

Bdiet tikteb meta kellha sbatax-il sena. Lina kienet kittieba prolifika u, fis-snin ta' wara, hija kitbet għadd ta' programmi li xxandru fuq ir-*Rediffussion* fis-snin ħamsin u sittin. Aħna nafuha mill-istejjer tagħha li, ħafna minnhom dehru (u jibqgħu jidhru) f'dan il-magażin. Imma mhux kulħadd jaf li, barra iktar minn tliet mija u erbgħin novella u kitbiet oħrajn, tul ħajjitha, Lina Brockdorff kitbet ukoll sitt antoloġiji u tnax-il rumanz. Barra minn hekk, hija kitbet diversi radjudrammi li, xi wħud minnhom, saħansitra, anki xxandru fuq ir-radju Awstraljan.

Għal tmien snin sħaħ, Lina Brockdorff serviet fil-kariga ta' President tal-Għaqda Letterarja Maltija u kienet ukoll Membru tal-Għaqda Poeti Maltin. Billi dan kollu donnu li ma kienx biżżejjed, Lina kitbet ukoll l-awtobijografija, bl-isem ta' '*Sireni u Serenati*' dwar l-esperjenzi tagħha fiż-żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Ta' min jgħid li, fis-sena 2004, dan ix-xogħol rebaħ il-premju għall-aħjar ktieb mhux fittizju mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Anki l-kommunità letterarja Maltija rrikonoxxiet il-kontribut kbir ta' Lina Brockdorff billi, waqt serata f'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti, onoratha bil-Midalja tad-Deheb.

F'isem il-President u l-Membri kollha tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, inwasslu l-kondoljanzi sinċiera tagħna lill-familjari kollha tas-Sinjura Lina Brockdorff.

# Il-kompożitur Malti Pawlu Grech 1938-2021

***Kitba ta' Peter Paul Ciantar***



Fil-11 ta' Frar tas-sena 2021, miet il-ħabib tiegħi, il-kompożitur Malti, Pawlu Grech. Kellu tnejn u tmenin sena. Ftit li xejn nafu dwaru għax kien xi ftit riżervat imma qalbu, kemm personalment kif ukoll kulturalment, kienet miftuħa għal kulħadd mingħajr riżervi ta' xejn.

Niftakar l-ewwel laqgħa tiegħi miegħu fl-Iskola tal-Mużika, Johann Strauss il-Belt. Meta indirizzajtu bit-titli li tassew jixirqulu, qalli, "Jiena Pawlu; Pawlu Grech." Tbissimt u bdejt insejjaħlu Paul. "Le!" qalli minnufih. "Pawlu; Malti jien!" Impressjonanti! Kien għadu ġej minn wieħed u tletin sena jgħix barra; għaxar snin Ruma u wieħed u għoxrin sena Londra.

Niftakar sewwa l-intervista li kont għamiltlu għar-radju tal-istat u, fost il-mistoqsijiet li għamiltlu, kont staqsejtu x'kien jippreferi, il-mużika jew il-pittura? Għax Pawlu kien bravu fil-qasam tal-pittura wkoll u kien kritiku qawwi tas-suġġett. Imma Pawlu weġibni immedjatament billi qalli, "It-tnejn; m'hemmx preferenzi bejniethom; it-tnejn komplimentari għal xulxin!" Lil Pawlu niftakru jgħidli wkoll li, qabel mar Ruma, kien ta erba' kunċerti fuq il-pjanu li nstemgħu fuq ir-*Rediffusion*.

Lil Pawlu Grech, l-aktar li kont nafu kien bħala għalliem tal-pjanu fl-Iskola tal-Mużika. Ma ngħidx li ma kienx għal qalbu hemm imma dejjem xtaq ikollu studenti aktar avvanzati flok dawk tal-bidu. Sa fejn naf jien, ma tantx dam hemm għax intefa' għal-lezzjonijiet privati. L-aħħar darba li ltqajt miegħu, qalli li veru li kellu ftit studenti imma kienu tassew tajbin u kien mimli entużjażmu biex jgħinhom jipperfezzjonaw. Kien qalli wkoll li l-ħabiba tiegħu, Amanda Tabone, kienet qed tgħinu jiġbor il-materjal tiegħu kollu. F'kelma waħda, torganizzalu x-xogħlijiet tiegħu; kemm dawk mużikali kif ukoll dawk tal-pittura. Wara din il-laqgħa tiegħi miegħu, li seħħet fuq tal-linja sejrin minn Putirjal, hu għall-Ħamrun u jien għar-Rabat, jisgħobbija ngħid li qatt ma ltqajt miegħu iktar.

L-ewwel darba li kont smajt bl-isem ta' Pawlu Grech kien mingħand missieri. Kien qalli li dan il-ġuvnott kien qed jistudja fl-*Accademia Santa Cecilia* ta' Ruma. Tellajt l-antenni mill-ewwel għax naf bl-importanza li għandu dan il-konservatorju li minnu ħarġu kompożituri kbar. Mid-dehra, missieri kien jaf xi ftit lil missieru, li ta' spiss kien ikun il-Każin, *La Valette*, il-Belt. Wara, qrajt artiklu tajjeb ħafna dwar Pawlu Grech miktub minn Nutar Vincenzo Maria Pellegrini. Għalkemm naf li qiegħed għandi, dan l-artiklu ma stajt insibu mkien. Imma sibt xi notamenti tan-Nutar Pellegrini dwar Pawlu Grech u, magħhom, sibt ukoll in-notamenti li kont ħejjejt għall-intervista li kien tani Pawlu.

Fuq dawn in-notamenti, għandi referenza li Pawlu kien qalli li, waqt il-kors fil-Konservatorju, kien anki jagħti *recitals* u dejjem iddistingwa ruħu. Semma wkoll li, f'dawn il-kunċerti, li kienu miftuħin għall-pubbliku, hu dderieġa l-kompożizzjoni tiegħu stess, *Poemetto Natalizio*. Xogħol ieħor tiegħu li jirrifletti l-ewwel inklinazzjoni tiegħu fil-kompożizzjoni kien, *Il Carnevale di Malta*.

Pawlu ggradwa Londra; kemm bħala pjanist kif ukoll bħala kompożitur, kompla d-direzzjoni tal-orkestra fir-*Royal Academy of Music*, Londra wkoll, fejn ingħata r-*Ricordi Prize*. Fil-qasam tal-kompożizzjoni, Pawlu studja mal-magħruf Hans Keller li, għal snin twal, kellu konnessjoni mal-*BBC*. Ta' min jgħid ukoll li, bejn is-snin sebgħin u tmenin, xogħlijiet mużikali ta' Pawlu Grech kienu esegwiti f'Londra, fl-Italja u anki fil-Ġermanja.

Pawlu Grech kien Belti; twieled fis-sena 1938. Beda l-istudji mużikali tiegħu ma' Patri Albert Borg, Agostinjan. Ta' sittax-il sena ngħata borża ta' studju biex imur jistudja l-mużika fl-*Accademia Santa Cecilia*, Ruma fejn għamel għaxar snin u studja wkoll il-pittura.

Peress li kiseb *diploma* fil-pjanu sentejn qabel il-waqt, Pawlu ngħata borża ta' studju oħra biex ikabbar it-tagħlim tiegħu fid-direzzjoni u l-kompożizzjoni ġewwa Londra u kien hemm li, fl-1968, meta kien għad kellu tletin sena, Pawlu kien mistieden mill-*BBC Radio 3* biex jidderieġi l-famuża, *English Chamber Orchestra*.



L-aktar li kkonċentrajt f'din il-kitba huwa dwar il-qasam mużikali imma Pawlu Grech iddistingwa ruħu anki fil-pittura u din kienet għal qalbu ħafna wkoll. Fil-fatt, fis-sena 2000, ingħata l-unur ta' *Chevalier Academique* mid-Diretturi tal-*Accademia Internazionale Greci-Marino, Accademia del Verbano di lettere, arti, scienze* ta' Vinzaglio, l-Italja. Pawlu Grech baqa' jżomm il-kuntatti tiegħu ma' barra minn Malta. Miet fis-sena 2021, f'*Casa Antonia*, Ħal Balzan.

Minn qalbi, nappella lill-awtoritajiet biex ix-xogħlijiet mużikali u l-pitturi tiegħu jinstemgħu u jintwerew fil-pubbliku ħalli nkunu nistgħu napprezzaw aktar it-talenti artistiċi ta' dan il-kompatrijott Malti.

# Kif bdiet u sa fejn waslet

*Kitba ta' Carmen Dimech*



Fil-ħarġa Numru 121 ta' dan il-magażin, l-anzjan attiv, Frankie Piccinino, kiteb dwar il-logħba antika tat-tombla. Gustuża l-kitba tiegħu, bħal dejjem, imma, lili qanqalli ċerta nostalġija u tifkiriet.

Ġieli noqgħod naħseb, imma tgħid, it-tombla minn fejn ġiet impurtata hawn Malta? Ma naħsibx li hi xi passatemp li ħloqna aħna. U kif baqgħet daqstant popolari, anki sal-lum stess? Hawn min jgħid li din il-logħba daħlet Malta bħala riżultat tar-rabtiet li pajjiżna kellu ma' Napli fi-imgħoddi imma dan kollu jintilef fiċ-ċpar tal-istorja.

Li nista' ngħid hu li jien, illum, ngħodd tlieta u tmenin sena. Meta kelli xi sitta jew sebgħa snin, niftakar li, tard waranofsinhar, meta l-qilla tax-xemx sajfija tibda tbatti, għadd ta' nisa kienu jinġabru fit-triq ta' quddiemna biex jgħaddu siegħa żmien u, fl-istess ħin, jistrieħu ftit wara jum xogħol tad-dar u taħbit mal-familji numerużi li kien ikollhom. Min kien jintefa' bilqiegħda fuq għatba ta' xi bieb, min kien iġib miegħu xi kaxxa jew banketta jew siġġu mid-dar u jintasbu jilagħbu t-tombla għal ftit sittiet jew soldi.

Kien żmien ieħor! Infatti, dak iż-żmien, il-biljett li kienu jilagħbu fuqu kienu jwaħħluh ma' biċċa kartuna biex, meta logħba tintrebaħ, ikunu jistgħu jerġgħu jużawh għal kemm-il darba jridu.

Kellhom diversi modi inġenjużi biex jimmarkaw in-numri li jitilgħu. Għadni niftakar in-nanna Lużar tqaxxar larinġa, tqaxqax il-qoxra mix-xliefa u, bil-ħolqa tal-ħjata, taqta' ħafna tundjaturi żgħar u tnixxifhom fuq iċ-ċint tal-bejt biex tużahom ħalli timmarka n-numri tat-tombla. Oħrajn kienu jġibu magħhom xi landa tal-OXO mimlija buttuni mfarrdin u jużaw lilhom. Imma jkolli ngħid ukoll li din is-sistema ġieli wasslet għal sitwazzjonijiet redikoli u tad-daħq għax, tant kemm kien ikun hemm tfal jiġru 'l hawn u 'l hinn li mhux l-ewwel darba li kont nisma' lil min jgħid: "Ow, ow; stenna ftit! Erġa' għidli n-numri li telgħu għax it-tifla tajritli kollox!" U, bil-paċenzja kollha, dik li kienet tkun qed ittella' t-tombla, kienet tirrepetihomlha. Araw x'sabar kellhom in-nies ta' dari! Mur ġibek tagħmilha llum din! Forsi għalhekk ma damux wisq biex xi ħadd jiskopri li, biex timmarka x'tela', tista' tuża l-ġibs, imbagħad tħassru b'biċċa ċarruta ħażina u l-biljett tkun tista' terġa' tilgħab fuqu kemm trid.

Ħaġ' oħra li kont ninnota ta› tifla żgħira li kont kienet li, kultant, flok in-numri nfushom, kienu jgħidu xi ħaġ› oħra u jien, ngħid għalija, ma kont nifhem xejn. Mhux l-ewwel darba li smajt lil dik li kienet tkun qed ittella' n-numri, bi tbissima mqarba fuq wiċċha, tgħajjat: "Il-maqlubin!" (jiġifieri, 69) jew, "Żewġ sorijiet għarkupptejhom!" (22) jew, saħansitra, anki: "Saqajn Navarru!" (jiġifieri in-numru 11). Insomma, farsa sħiħa! Aktar tard, meta kbirt, skoprejt li ommi u n-nanna kienu jafu ħafn' aktar minn



dawn l-alternattivi għan-numri u tgħidx kemm konna nidħqu kull meta kienu jgħiduhomlna!

Nerġa' ngħid, kien żmien ieħor; żmien sempliċi meta ommijietna kienu jafu jieħdu pjaċir bi ftit u jikkuntentaw bix-xejn! Tafu sakemm? Sakemm xi ħadd induna li tista' ddawwar lira minn passatemp bħal dan! Nimmaġina li l-ħaġa bdiet meta xi ħadd mar ifesfes f'widnejn il-Kappillan u jgħidlu: "Hemm is-sala tal-Knisja, qajla tintuża! Għax ma torganizzax tombla u tiġbor in-nies tal-Parroċċa ġo fiha u l-qliegħ kollu jmur għall-festa? Fl-istess ħin, bis-saqaf fuq rashom, it-tombla, mhux biss tkun tista' ssir fis-sajf imma fix-xitwa wkoll!" U, milli jidher, naħseb li l-idea tant intgħoġbot li hekk seħħ. Barra minn hekk, minħabba li aħna l-Maltin bħal mogħoż, minbarra li tħajru parroċċi oħrajn, anki l-każini tal-baned rikbu fuq il-karru. Saħansitra, anki l-politiċi bdew jorganizzaw it-tombla; biex jiltaqgħu mal-kostitwenti tagħhom, naturalment! Riklam bħal dan! Mhux ta' min jitilfu! Mhux hekk?

U l-logħba tant kisbet popolarità li ma damux ma tfaċċaw fix-xena x-xarks li għandhom il-flus u ma jafux x'ser jaqbdu jagħmlu bihom ħlief ikomplu jżiduhom! Malajr irrealizzaw li, jekk jirnexxilek timmodernizzaha, it-tombla tista' tkun popolari mhux biss mal-baxxi imma ma' dawk li jqisu ruħhom bħala kolti wkoll! Però l-logħba kienet teħtieġ qala' sew mill-qiegħ! X'għamlu? Bdew mill-isem u, minn tombla, bdew isejħulha *bingo*. Flok is-sala tal-Kappillan, jew tal-każin, nibtu l-*bingo halls,* bil-*fitted carpets,* bl-*air conditioners,* bl-i*screens* madwar is-sala kollha, bil-*computer,* bil-*microphone* u bil-*waiter* inewwillek id-*drink* li tordna. Minn hemm 'il quddiem, il-*caller,* flok jgħid: "Tnejn u ħamsin" jew "Tlieta u tletin" beda jgħajjat: "F*ive and two, fifty-two"* jew "A*ll the threes, thirty-three*." U, biex żgur tkun kolmpluta minn kollox, bdew jipprovdu l-*free transport* għal dawn il-*coffee mornings*. U ħallih iħambaq dwar l-ilsien li tatek ommok lil Dun Karm! Dak fiex jifhem? Ma jafx li l-Maltin, għall-qliegħ, lesti jbigħu ruħhom? Aħseb u ara lsienhom!

Imma l-esperjenzi tiegħi marbutin mal-logħba tat-tombla mhumiex limitati biss għax-xena lokali imma anki, saħansitra, jinfirxu lil hinn minn xtutna wkoll. Xi snin ilu, mort btala għand oħti tal-Kanada. Jum fost l-oħrajn, oħti qaltli: "Illejla mmorru sal-*bingo!"* Anki Nenu, ir-raġel t'oħti (Alla jagħtih il-glorja tal-Ġenna!) tħajjar jiġi magħna; avolja t-tombla ma kienx jaħmilha. "Mhux biex nilgħab, ta!" qalilna; "biex ngħaddi siegħa żuffjett!" Mingħalih! (Fil-fatt, mhux "żuffjett" qal imma nistħi ngħidilkom il-kelma proprja li uża!). Morna u r-raġel t'oħti, ta' Malti li kien, ġab miegħu borża karawett biex, ma' *drink*, jehda jfaqqa' l-qoxra u jqarmeċ il-karawetta ta' ġol-fosdqa. Imma lanqas laħaq għafas l-ewwel żewġt iswaba' fuq l-ewwel qoxra tal-ewwel karawetta li ma nstemax kor unanimu sħiħ madwarna kollu ta' "Xiiiiiiiiiiii!"

"Il-marelli!" skanta Nenu. (L-istess, mhux "Il-marelli" qal) "Jiġifieri, hawnhekk, lanqas karawetta ma tista' tiekol?"

Iva, Nen, ruħi. Mill-ġeġwiġija, il-frattarija u l-ġiri tat-tfal fit-triq ta' quddiemna, s'hawn waslet din l-imbierka tombla!

# Pitturi famużi

*Kitba ta' Vincent Piccinino*



**Salvador Dalí 1904 – 1989**

Salvador Dalí twieled fil-Katalunja, Spanja, fil-11 ta' Mejju 1904. Kien pittur surrealista u esponent tal-kubiżmu, l-arti moderna u tad-dadaiżmu. Dalí kien magħruf għall-ħila teknika tiegħu, għall-preċiżjoni ġeometrika fid-disinn u mhux l-anqas, għall-immaġini u s-simboli biżarri li, ħafna drabi, jidhru fil-kwadri tiegħu. Bħala karattru, Dalí jista' jiġi deskritt b'ħafna aġġettivi. Kien fanfarun, mimli bih innifsu, artist versatili, kontroversjali u, fuq kollox, eċċentriku. Meta għalaq l-għoxrin sena, ħalla l-mustaċċi fl-istil tal-pittur Spanjol tas-seklu sbatax, Diego Velazquez, kien jobromhom irqaq ippuntati 'l fuq u dawn saru karatteristika sinonima miegħu.



Meta ngħidu li Dalí kien eċċentriku, ma nkunux qed nagħmlu enfasi biżżejjed. Dalí kien artist, u bniedem, eċċentriku per eċċellenza. Kien eċċentriku fil-mod kif jgħix, kif kien iġib ruħu, kif jilbes, fil-komportament tiegħu, f'dak li kien jgħid u, naturalment ukoll, dan kollu huwa rifless fil-ħafna xogħlijiet artistiċi li pproduċa matul ħajtu. Fl-1928, Dalí issottometta kwadru surrealista għal wirja imma kien irrifjutat għax qalulu li ma kienx jixraq li jkun esebit f'gallerija tal-arti ffrekwentata mill-pubbliku li ma kienx ippreparat għal ċerti sorpriżi. Mid-dehra, Dalí minn dejjem kien eċċentriku. F'Diċembru 1936, huwa bagħat rigal tal-Milied lil Harpo Marx, tal-*Marx Brothers*, rigal li kien jikkonsisti f'arpa li, minflok kordi, kellha *barbed-wire*. Mhux talli hekk, imma talli jidher ukoll li l-imġieba eċċentrika u kontroversjali ta' Dalí, anki fil-pubbliku, ħafna drabi kienet tiġbed aktar attenzjoni mix-xogħlijiet tiegħu stess.

Fl-1934, Dalí żar l-Istati Uniti għall-ewwel darba u, fil-Mużew tal-Arti Moderna ta' New York, kellu wirja tal-kwadri tiegħu u anki għamel tliet taħditiet dwar is-surrealiżmu. F'waħda minnhom, lill-udjenza qalilhom: "Id-differenza bejni u raġel miġnun hija li jien m'iniex miġnun!" Ma kienx jaf li ħadd ma jista' jkun l-imħallef fil-kawża tiegħu stess!
Varjazzjoni oħra ta' din il-battuta qalha meta kisirha mas-surrealisti minħabba kustjonijiet ta' ideoloġija politika. Is-surrealisti akkużawh li kien mixtri u li kien biegħ il-kawża tal-Moviment Surrealista għall-flus. Wieħed, saħansitra, qalagħlu l-laqam *Avida Dollars*, anagramma ta' Salvador Dalí, li tfisser li kien jagħmel għall-flus. Dalí, biex jizzikahom, qal: "Id-differernza bejni u s-surrealisti hija li jien surrealist!"



Għall-istess raġunijiet, Dalí kisirha anki ma' Pablo Picasso, li huwa kien jadurah, u, meta staqsewh dwar Picasso, Dalí qal: Picasso huwa Spanjol; anki jien. Picasso huwa pittur; anki jien. Picasso kommunist; lanqas jien!

Biex wieħed forsi jibda jasal biex jifhem l-estremità tal-eċċentriċità ta' Salvador Dalí, tajjeb li nsemmi xi ftit eżempji tal-komportament xejn ortodoss tiegħu. Dalí spiss kien ikun mistieden minn diversi istituzzjonijiet internazzjonali biex jagħti *lectures*, speċjalment, dwar is-surrealiżmu jew l-arti moderna. Dalí kien donnu dejjem irid jiġbed l-attenzjoni lejh. Fl-1936, ħa sehem fil-Wirja Internazzjonali tas-Surrealiżmu li saret Londra. Għal *lecture* li kellu jagħti hemmhekk, Dalí ħareġ fuq il-palk liebes ta' bugħaddas. "Għax ridt nuri kemm se ninżel fil-fond!" qalilhom.



Fl-1955, kellu jagħti *lecture* fis-Sorbonne u mar hemm ġo *Rolls-Royce* mimlija bil-pastard, filwaqt li, fl-1958, għamel taħdita f'Pariġi u ħareġ fuq il-palk iżomm *baguette* ta' xi tnax-il pied f'idu. U, mid-dehra, dawn il-praspar baqa' jagħmilhom sal-aħħar għax, fl-1982, biex jippromwovi l-ktieb, *The World of Salvador Dalí*, deher f'ħanut tal-kotba go *Manhattan* mimdud ġo sodda u kkumnikat ma' magni li juru l-attività mentali u li jkejlu l-pressjoni tad-demm. Infatti, meta, sa fl-aħħar, Dalí kien aċċettat fl-Akkademja Franċiża tal-Arti,

wieħed mill-akkademiċi qal li jittama li, issa, Dalí ma jibqax jagħmel iktar buffunati.

Salvador Dalí kien dixxiplu ta' Sigmund Freud u anki ltaqa' miegħu f'Marzu tal-1938. Dalí kien jaqrah lil Freud u dan influwenza mhux ftit ix-xogħol artistiku tiegħu. Fost oħrajn, it-temi ewlenin tal-kwadri tiegħu jinkludu l-ħolm, is-subkonxju, ir-reliġjon u x-xjenza. Lil Freud, Dalí kien jadurah; kien iqisu bħala l-eroj tiegħu u, saħansitra, ġieli irrefera għalih bħala missieru. F'waħda mill-wirjiet tal-kwadri surrealisti tiegħu ġewwa Londra, il-kritiku artistiku tad-*Daily Telegraph* ikkummenta hekk: "Dawn il-kwadri mis-subkonxju ta' Dalí juru talenti tant profondi li wieħed jittama li l-artist jerġa' lura għall-konxju tiegħu ma jdumx!"

Meta miet missieru fl-1950, Salvador sab li ma kien ħallielu xejn fil-wirt u kellu jiftaħ kawża l-qorti biex jieħu lura kwadri u tpinġijiet li kien ħalla fid-dar tal-familja tiegħu. Dam sentejn jiġġieled li, matulhom, darba anki kien akkużat li ħebb għal nutar pubbliku.



Kif qed naraw, Dalí kien imħawwad waħda sew. Spiss kien jagħmel stqarrijiet kontradittorji, donnu apposta, biex jipprovoka. Dalí, pereżempju, qal li hu kien kattoliku u anjostiku; fl-istess ħin! Fl-1968, qal ukoll li, meta jmut Franco, Spanja m'għandhiex tirritorna għad-demokrazija imma għandha ssir monarkija assoluta. "Personalment," kompla jgħid Dalí, "jien kontra l-libertà u naqbel mal-Inkwiżizzjoni Spanjola!"

Fl-1965, Dalí ltaqa' maż-żgħażugħa, Amanda Lear, dak iż-żmien mudella magħrufa bħala Peki Oslo. Dalí sar il-protettur tagħha! Skont Amanda Lear, hi u Dalí ngħaqdu fi "żwieġ spiritwali" fuq quċċata ta' muntanja deżerta.

Il-ftaħir u d-dikjarazzjonijiet dwar il-ġenju tiegħu ma kellhomx fini. "Kull filgħodu malli nqum," kien iħobb jgħid, "inħoss pjaċir enormi meta niftakar li jien Slavador Dalí!"



Dalí kien magħruf ukoll li kien jipprova jevita li jħallas il-kontijiet tar-restoranti li kien jiffrekwenta billi jpinġi xi ħaġa fuq wara taċ-ċekk. Fl-*ego* infinit tiegħu, kien jassumi li sid ir-restorant ma kienx se jsarraf dak iċ-ċekk bi tpinġija ta' Dalí fuqu u, ħafna drabi, hekk kien jiġri.

Fl-1980, fl-età ta' sitta u sebgħin sena, saħħtu marret lura u kien qed jiġi kkurat minħabba dipressjoni, drogi u sintomi ta' *Parkinson*.

Fl-1982, ir-Re Juan Carlos tah it-titlu ta' Markiż. Għall-bidu, dan it-titlu kellu jkun ereditarju imma, fuq talba ta' Dalí stess, fl-1983, inbidel u sar għal tul ħajtu biss.

Fl-1984, id-dipressjoni ggravatlu u beda jirrifjuta l-ikel. Dalí kien wera l-intenzjoni tiegħu li jħallihom jiffriżawh u jżommuh ħaj sakemm tinstab kura għall-mard li kellu. F'Awwissu 1984, qabad nar fil-kamra tas-sodda tiegħu u Dalí kellu jittieħed l-isptar isofri minn ħruq serju.

Kien hemm għidut li Dalí kien imġiegħel minn dawk li, suppost, kienu qed jieħdu ħsiebu f'dan iż-żmien biex jiffirma ismu fuq għadd ta' kwadri bit-tila vojta li, wara mewtu, setgħu jintużaw bħala kwadri ta' Salvador Dalí. Kien ġie allegat ukoll li, mill-1965 sa ma miet, Dalí biegħ għadd kbir ta' karti tat-tpinġija ffirmati minnu stess biex ikunu jistgħu jintużaw għall-istess skop ta' xogħlijiet foloz. Minħabba f'hekk, in-negozjanti tax-xogħlijiet tal-arti joqogħdu ferm attenti għal kwadri attribwiti lil Dalí ta' dan il-perjodu.



F'Lulju tal-1986, għamlulu *pacemaker* u waqt dehra pubblika, Dalí qal: "Meta tkun ġenju, m'għandekx dritt tmut għax aħna meħtieġa għall-progress tal-umanità!" F'Novembru tal-istess sena, Salvador Dalí reġa' ddaħħal l-isptar wara attakk tal-qalb u, hemmhekk, miet fit-23 ta' Jannar 1989 fl-età ta' erbgħa u tmenin sena.



# Il-Mediċina u l-Fejqan fil-Bibbja

***kitba ta' Fr Charles Buttigieg***

**Il-Mard fil-Bibbja**

Fl-Antik Testment, naraw l-esperjenza kiefra, speċjalment tal-mard, tal-lebbra, tal-ġuħ, tal-persekuzzjoni u tat-tbatija. Il-Lhud kienu jorbtu t-tbatija mad-dnub u mal-persekuzzjoni, kif insibu fil-ktieb tal-profeta Ġeremija. Kienu konxji wkoll li t-tbatija hija konsegwenza tal-ħażen tax-xitan, kif naraw fil-ktieb ta' Ġobb. Il-bniedem marid jitlob, l-ewwel nett, lil Alla għall-fejqan tiegħu biex jeħilsu mill-mard. Il-mard kien marbut mal-qalb, mal-moħħ, mal-għadam, mal-għajnejn, mal-widnejn, mal-imnieħer, mal-griżmejn, mas-snien, mal-ġilda, mad-demm, mal-fwied, mal-kliewi, mal-istonku, mal-imsaren, mal-għejja u mat-twelid tat-tfal għall-ommijiet. Ħafna drabi, il-mard tal-moħħ u tan-nervi kien assoċjat mal-possessjoni dijabolika. Mard komuni, bħal uġigħ ta' ras, l-influwenza u l-uġigħ fl-istonku, ma tantx huma msemmijin direttament fil-Bibbja. Imma l-iktar mard imsemmi fil-Bibbja huwa dak tal-ġilda u tal-lebbra. Hu mifhum li, fil-kultura bibblika, madwar sittin marda tal-ġilda kienu jitqiesu bħala lebbra. Dan il-mard kien marbut mad-dnub kif ukoll mal-attivitá sesswali. Il-lebbruż kellu jgħix 'il bogħod mill-komunità u, jekk ifieq, kien jagħmel offerta lis-saċerdot li kien iroxxu għal seba' darbiet bid-demm tal-annimal tal-offerta. Niltaqgħu wkoll max-xemxata li ġarrab Manasse, l-ewwel raġel ta' Ġuditta. Fil-ktieb ta' Tobit, naraw l-anġlu tal-fejqan, Rafel, u t-talb għall-fejqan ta' Tobija u Sara u ta' Bin Sira. Jissemmew diversi drabi l-mard u l-mediċina. Fil-Ktieb tal-Għerf naraw il-mard li daħal fid-dinja minħabba l-għira tax-xitan u, għalhekk, mhuwiex opra t'Alla. Fl-1882, Hobart ippreżenta erba' mitt kelma b'rabta mal-mediċina fl-Evanġelju ta' San Luqa u fl-Atti tal-Appostli. Rigward il-fejqan li Alla jagħmel mal-bniedem, San Pawl kiteb li: "Hu jfarraġna fil-hemm kollu tagħna biex aħna, permezz tal-faraġ li bih Alla jfarraġna, inkunu nistgħu nfarrġu lil dawk kollha li jinsabu f'kull xorta ta' hemm."

**Mediċina mill-Pjanti**

Il-pjanti bil-weraq, bil-fjuri u bl-għeruq tagħhom, minbarra li kienu jintużaw bħala ħwawar fl-ikel, fil-fwejjaħ u fil-produzzjoni tal-kuluri, kellhom ukoll użu bħala rimedju għall-fejqan u, għahekk, huma wżati bħala mediċina. Il-mediċina mill-ħxejjex kienet digà pprattikata fl-Eġittu, fid-dinja Griega u fit-tempju tal-alla tal-fejqan, Asklepios. Fil-Ġenesi naraw lil Ruben li sab pjanta narkotika bl-isem ta' 'tuffieħ l-imħabba'. Il-mediċina kienet ukoll magħmula mill-mirra bħala żejt mediċinali għax iż-żejt kien jintuża biex inaddaf imma, fuq kollox, jintuża bħala mediċina għall-fejqan kif insibu fil-ktieb ta' Isaija. Għal tliet darbiet, Ġeremija jitkellem fuq il-karatteristici mediċinali tal-balzmu tal-Gilejad fil-Ġordan. Insibu wkoll l-użu tal-fejqan mill-inbid tal-għenba u l-ħall. It-tabib huwa mfaħħar ħafna fil-ktieb ta' Bin Sirak.

**Alla bħala Tabib**

Fil-kulturi pagani, insibu diversi allat foloz li kienu marbutin mal-fejqan. Fost dawn, insibu lil Ea, l-alla akkadiku tal-ħolqien u tal-maġija; lill-alla serp Sumeru, Ningizzida, lill-alla Sumeru ieħor, Damu, li kien iben Ningizzida kif ukoll lil Nabu fil-Babilonja. L-allat Ixtar u Ixhara huma wkoll marbutin mal-fejqan. Insibu wkoll l-alla mara, Gula-Bau, jew Ninisina, tal-Eġittu u lil Selqet, l-alla mara skorpjun. Fil-Bibbja naraw lil Alla li jeħles lill-bniedem mill-iskjavitù tal-Eġittu u, fuq kollox, Alla li jfejjaq għax "YHWH huwa t-tabib tiegħek." Fl-esperjenza tad-deżert, naraw lil Alla jordna lil Mosè biex jagħmel serpent tal-bronz biex ifejjaq lil dawk li kienu ngidmu mis-sriep velenużi tar-ramel. Fit-Tieni Ktieb tal-Kronaki, Alla jisma' t-talba ta' Ezekija u jfejjaq il-poplu. Diversi salmi jitolbu lil Alla għall-fejqan. Fl-Evanġelju ta' San Mattew naraw lil Gesù jfejjaq lill-omm il-mara ta' Pietru u f'dak ta' San Mark narawh li, wara li fejjaq lill-omm il-mara ta' Xmun, filgħaxija, fi nżul ix-xemx, ħadulu quddiemu lil dawk kollha li kienu morda jew li kienu maħkumin mix-xitan. Hekk ukoll fl-Ittra ta' San Ġakbu naraw kif "Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħallih isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja ħalli jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej. It-talba tal-fidi ssalva lill-marid u l-Mulej iqajmu u, jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu." Fil-Bibbja, naraw li Alla jfejjaq lill-bniedem mill-mard tiegħu. "Hu, li jaħfer dnubietek kollha, ifejjaq il-mard tiegħek kollu, jifdi lil ħajtek mill-qabar u jħaddnek bit-tjieba u l-ħniena."

Quddiem ir-realtà tal-mard u tbatija, in-nisrani huwa mħeġġeġ jitlob l-għajnuna t'Alla għax, kif jgħid proverbju Etjopjan, "Għal min jaħbi l-mard tiegħu, m'hemmx mediċina u, għal min jaħbi l-problemi tiegħu, m'hemmx soluzzjoni."

# L-aħħar tislima lil marti, Josephine

Dik il-warda li rajt niexfa tħares lejk taħt it-tebut
b'vuċi baxxa kienet tkanta, bħala bint raħal it-tut,
innijiet illi jixirqu waqt quddiesa tal-mejtin
u tehmiżni biex tfakkarni illi aħna 'l hemm mexjin.

Għal mument, ħsibtek reġina, meta ħriġt fuq l-ispallejn,
u staqsiet din qalbi dgħajfa: "Minn hawnhekk, issa, għal fejn?"
Meta l-knisja sfat mudlama, xi ħadd għalaq il-bibien.
Marti ħarġet tieħu l-arja, barra t-talb u barra ż-żmien.

Rajtek sejra bla ssellimli f'dak l-għeluq ileqq tal-ħġeġ.
Jien stajt nobsor x'kont qed taħseb: qisek sejra għal xi tieġ.
Xtaqt inkellmek, nerġa' naqbad wiċċek ħelu għal mument
bejn idejja, biss bqajt sajjem minn das-sbejjaħ sentiment.

Bqajt mingħajrek, minn qawwietek; u għalxejn noqgħod nibkik;
għandi ħajtek fir-ritratti sabiex nibqa' nehda bik.
Int it-tieni li ltqajt miegħi u ma' wliedi li ħabbewk.
Insellmulek fejn int qiegħda u nwegħduk, mhux ser ninsewk!

**Karmenu Mallia** **14 t'April 2026**

# Appell

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista, *L-Anzjani Llum,* kull tliet xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani u li għandha ċirkolazzjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja) kif ukoll għadd ta' anzjani abbonati.

Permezz ta' din ir-rivista li hija ta' interess u ta' tagħrif siewi għall-anzjani, aħna ninkoraġġixxu lill-anzjani kollha biex ikunu dejjem aktar attivi, kemm fiżikament kif ukoll mentalment.

Għaldaqstant, napprezzaw ħafna jekk tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista ħalli l-iskop fejjiedi tal-Kunsill ikun jista' jkompli jintlaħaq.

Għall aktar tagħrif fuq il-Kunsill wieħed jista' jidħol fil-Website - www.kna.org.mt, fejn issibu aktar rivisti li ħarġu fil-passat u informazzjonijiet utili għalikom.

Grazzi bil-quddiem

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna.**

Is-Sur Alfred Conti Borda (Mosta) - €10.00
Is-Sinjura Josephine Williams (Raħal Ġdid) - €40
Is-Sinjura Eugenia Agius (Gżira) - €25.00
Is-Sinjura Lily Dimech (Valletta) - €10.00

**L-Editur**

# Snajja’ u xogħol il-Maltin tal-imgħoddi



***Kitba ta’ Anthony Cardona B.A., M.A., S.Th. D.***

**Is-Sillar**

Is-sengħa tas-sillar ilha f’Malta sa minn qabel il-miġja tal-Kavallieri ta’ San Ġwann fl-1530. Kienet sengħa mill-aktar qadima u meħtieġa meta ż-żwiemel kellhom sehem kbir fix-xogħol ta’ kuljum. Fi żmien il-Kavallieri, kien hawn ħafna sillara primi li, minbarra li jfasslu u jħitu l-ġlud għal fuq dahar iż-żiemel, kienu wkoll iżejnuhom bil-frenez tad-deheb, taċċi bir-ras tal-fidda, bokkli tar-ram aħmar u ċineg ileqqu. Barra minn xogħlijiet oħrajn, is-sillar kien ukoll jaħdem **ix-xedd** għaż-żwiemel, jew il-bgħula tal-kalessi u l-karrettuni. F’Malta, kien hawn xi żewġ jew tliet sillara f’kull raħal imma, fl-irħula l-kbar u f’dawk ta’ madwar ix-xatt, bħalma huma l-Marsa u Ħal Qormi, fejn kien hemm iktar xogħol ta’ ġarr, wieħed kien isib bosta ħwienet tas-sillara u, mal-koxox tal-bibien, kien jara mdendlin **pennelli**, **taranti**, **kontri** u bċejjeċ oħra tax-xedd. Dawn huma ċineg u ħbula li kienu jintużaw biex jintrabtu flimkien meta s-sillar ikun qed jaħdem ix-xogħol tiegħu.

**Ix-xedd** huwa dak l-apparat tal-ġilda li jorbtu fuq dahar il-bhima biex tiġbed il-karrettun warajha. Ix-xedd kien jeħtieġ ikun ta’ saħħa kbira kif ukoll ħafif u artab kemm jista’ jkun biex ma jisloħx dahar il-bhima. Is-sillara kienu jaħdmu dawn ix-xeddijiet għaż-żwiemel tat-tiġrija, għad-dilettanti kif ukoll għall-bhejjem tat-tagħbija, speċjalment għall-bdiewa, li kienu jużaw il-bgħula u l-ħmir. It-tagħmir tax-xeddijiet kien jikkonsisti minn ħafna bċejjeċ imma, prinċipalment, kien magħmul minn tliet biċċiet. L-ewwel biċċa tax-xedd tintlibes fuq ras il-bhima u tissejjaħ **kappestru** jew **tustiera**. Imbagħad, ilibbsulu **s-sidra**, li tintrabat minn sider il-bhima sal-karrettun u, fl-aħħar, hemm **l-arneż**, li jorbot sewwa ż-żiemel mal-karrettun u li fuqu jserrħu l-lasti tal-karrettun. Il-kelma arneż insibuha kemm fl-Ingliż, *harness* kif ukoll fit-Taljan *arnese*. Dawn il-bċejjeċ huma magħmulin mill-ġilda li s-sillar kien jaħdem b’sengħa kbira.

Il-ħidma tas-sillar kienet teħtieġ ħafna reqqa għax iż-żwiemel mhux kollha ndaqs u x-xedd irid ikun imfassal skont id-daqs tal-bhima. Il-ġlud kienu jimpurtawhom mill-Ingilterra imma s-sillara kienu jikkurawhom billi jagħtuhom iż-żejt u jogħorkuhom bis-sapun, imbagħad, jaqtgħu l-biċċiet skont il-bżonn u jgħaqqdu kollox billi jtaqqbu bix-**xifa** u jħitu bl-**imsella** u l-ispag. Kien xogħol li jsir kollu bl-idejn. Meta, imbagħad, daħlu l-inġenji, ċertu xogħol beda jsir bil-magni.

Il-**kappestru** jew **tustiera** hija l-armar li jintlibes ma’ ras iż-żiemel. Hija bħal ċinga li ddur ma’ ras iż-żiemel u li, ħafna drabi, kienu jżejnuha bil-kukkardi u tiżjin ieħor, speċjalment għal xi tiġrija jew għall-festa tar-raħal. Mat-tustiera, kienu jaħdmu biċċtejn tal-ġilda jgħidulhom **in-nuċċali** li jgħattu għajnejn iż-żiemel ħalli jġegħluh iħares ’il quddiem biss u, b’hekk, ma jkollux xi jtellfu madwaru. F’ħalqu, kienu jqegħdulu biċċa tal-metall marbuta biċ-ċineg, jgħidulha **l-brilja** li, biha, iż-żiemel iħoss il-ġibda tar-riedni tas-sewwieq u anki jkun jaf ’il fejn għandu jdur; jekk hux lejn ix-xellug jew inkella lejn il-lemin. Il-brilja kienet tkun imqabbda mal-geddum permezz ta’ ċinga li ddur ma’ ħalq iż-żiemel.







**Is-sidra** hija l-armar fuq quddiem taż-żiemel. Tkun wiesgħa sewwa ħalli l-bhima ma tweġġax waqt li tkun qed tiġbed il-karrettun bit-tagħbija fuqu. Is-sidra jkollha ħafna suriet skont il-bhima tkunx għat-tagħbija, għad-dilettanti jew għall-ġiri. Tkun magħmula minn saffi ta’ ġilda wiesgħa fuq quddiem u tidjieq f’għamla ta’ ċineg iktar lura. Fix-xedd tal-bhejjem tar-raba’, meta jintużaw għall-ħart, is-sidra tkun differenti u tissejjaħ **kawwara**. Il-kawwara tintrabat ma’ għonq il-bhima u maċ-ċineg fejn jitqabbad il-moħriet. Il-ħbula li jiġbdu l-moħriet jissejħu **t-taranti**.



**L-arneż** jintrama fuq dahar u madwar iż-żaqq tal-bhima u huwa dik il-parti tax-xedd fejn iserrħu l-lasti tal-karrettun u **l-ħżiem** li jiġbed it-tagħbija kollha. L-arneż ikun magħmul minn saffi ta' flanella mgeżwrin fis-**sarġ** kif ukoll minn saffi ta' ġild artab biex ma jisloħx dahar il-bhima u, b'hekk, il-bhima tkun marbuta u maħfuna sewwa għal kull tip ta' xogħol meħtieġ bħal tagħbija, ħart jew ġarr. Dari, qabel ma bdew deħlin il-karozzi, kien hawn ħafna karrettuni fit-toroq tal-ibliet u l-irħula tagħna. Kien hawn il-bexxiexa tat-toroq biex if errxu l-ilma ħalli jraqqdu t-trab, il-bejjiegħa tal-ħobż, dawk tal-ġarr tal-ilma, tal-ħut, tal-ħaxix, tal-pitrolju, bejjiegħa tal-borom u ħafna oħrajn. Kollox kien isir bil-bhejjem u l-karrettuni! Għalhekk, is-sillara kienu ta' importanza kbira.

Illum, is-sillara naqsu ħafna  imma l-iskop li jibqgħu jinħadmu x-xeddijiet taż-żwiemel għadu hemm; għallinqas, sakemm jibqgħu jintużaw il-karozzini għat-turisti, sakemm jibqgħu jeżistu t-tlielaq taż-żwiemel fil-Marsa kif ukoll l-użu tal-bhejjem fl-għelieqi. Mill-bqija, rari għadek tara żiemel għaddej bis-serkin fit-toroq traffikużi ta' Malta.

# Żewġ minuti kollox

## *F'żewġ minuti, l-anzjan attiv, Franky Piccinino, jirrakkonta tliet ċajtiet*

Wieħed qal lil sieħbu: "Dan il-ktieb jiffrankalek nofs ix-xogħol tad-dar!"
"Veru?" stagħġeb l-ieħor. "Igħdli daqsxejn minn fejn xtrajtu ħalli nixtrilha tnejn lill-mara!"

---

Il-miss innutat li wieħed mit-tfal kien ħosbien u mdejjaq. "Ġralek xi ħaġa?" staqsietu.
U t-tifel qalilha: "Għax għandi ommi l-isptar u missieri d-Depot!"
"Trid tmur id-dar?" staqsietu l-miss b'ħafna mogħdrija.
"Iva!" ħatafha t-tifel.
Meta ħareġ mill-klassi, il-miss staqsiet lit-tfal l-oħra jekk jafux għala seħibhom għandu ommu l-isptar u missieru d-Depot u t-tfal, b'vuċi waħda, qalulha: "Għax ommu nurse u missieru pulizija!"

---

Waqt l-eżerċizzi tar-Randan, il-Kappillan qal lill-kongregazzjoni li kien ser jagħmel ġabra speċjali. In-nisa m'hemmx għalfejn jagħtu. Jagħtu biss l-irġiel u dawn jagħtu skont kemm jaħsbu li għandhom il-mara sabiħa. Wieħed tefa' ħames ewro. Xħin ra hekk, ta' maġenbu tefa' għaxar ewro. Ta' ħdejh, biex ma jibqax lura, tefa' għoxrin ewro u ieħor tefa' ħamsin ewro. Imma, imbagħad, kien hemm wieħed li tefa ewro wieħed biss. Il-Kappilan, bla ma ried, ħares ħarsa lejn il-mara u, xħin raha, tah ħamsin ċenteżmu bqija.

# George Eliot 1819 – 1880




**Kitba ta' Salv Sammut**

**Kwotazzjoni: Ħadd ma jista' jkun għaref fuq stonku vojt.**

George Eliot huwa l-isem psewdonomu tal-kittieba, novelista, ġurnalista u traduttriċi, Maryann Evans. Twieldet fit-22 ta' Novembru 1819, f'Arbury Hall Estate, ħdejn Nuneaton, Warwickshire. Kienet it-tielet bint ta' Christiana u Robert Evans, aġent tal-artijiet tal-familja. Maryann kienet imrobbija taħt l-osservazzjoni stretta tar-reliġjon Evanġelika imma, aktar tard f'ħajjitha, bidlet il-mod kif tħares lejn ir-reliġjon.

Kienet xi ftit stramba. It-teatri kienet tqishom bħala xi ħaġa profana. Fit-tieni fażi ta' ħajjitha, bl-influwenza ta' Charles u Cara Bray, Robert Owen, Herbert Spencer, Harriet Martineau u Ralph Waldo Emerson, Maryann bdiet tiddubita mill-verità tal-istejjer bibbliċi. Meta bdiet turi d-dubji reliġjużi tagħha lil missierha, dan heddidha li jixħetha 'l barra mid-dar, ħaġa li, fil-fatt, qatt ma seħħet.

Maryann Evans iltaqgħet mal-kittieb George Henry Lewes u, billi ma setgħux jiżżewġu minħabba li Lewes kien separat, iddeċidew li jgħixu flimkien. Imma huma kienu jqisu r-relazzjoni tagħhom bħala rabta daqslikieku kienu miżżewġin u nħallet biss bil-mewt ta' Lewes fl-1878. Tul ħajjithom flimkien, hija bidlet isimha għal Maryann Evans Lewes.

Fis-soċjetà "pulita" Ingliża, Maryann u George ġew aċċettati biss wara li kienu introdotti mal-Prinċipessa Louise, bint ir-Reġina Vittorja. Din il-monarka tant kienet qarrejja kbira ta' Maryann Evans li ġiegħlet lil pittur Edward Henry Corboult biex ipinġilha xeni mill-ktieb *Adam Bede*.



Mill-banda l-oħra, George Henry Lewes għaraf it-talent letterarju ta' Maryann u kkonvinċiha tibda tikteb l-avventuri. Minħabba li kienet temmen li l-kittieba nisa kienu jiktbu biss stejjer sentimentali, filwaqt li hi riedet tikteb mod ieħor, Maryann Evans adottat l-isem psewdonomu ta' George Eliot. L-ewwel ktieb tagħha kien *Amos Benten* u Lewes bagħat dan ix-xogħol lil magażin ta' Blackwood mingħajr ma kixef l-isem veru ta' min kitbu. Il-ktieb intgħoġob u kien aċċettat. Kitbet xogħlijiet oħrajn li wkoll kienu milqugħin bħal, *Silas Marner*. Kien Charles Dickens l-aktar wieħed li apprezza dawn ix-xogħlijiet u kien ukoll l-uniku kritiku li għaraf is-sess veru tal-awtur. Maryann Evans ħasdet lis-soċjetà ta' madwarha meta żżewġet lil John Walter Cross, ħabib li kien xi għoxrin sena iżgħar minnha u, mill-ġdid, bidlet isimha għal Maryann Evans Cross.

Maryann Evans mietet fit-22 ta' Diċembru tal-1880 u, minħabba d-dubji tagħha fil-fidi nisranija, kif ukoll minħabba l-ħajja ċivili irregolari tagħha, ma kinitx midfuna f'Westminster Abbey. Minflok, indifnet fiċ-ċimiterju ta' Highgate li kien riżervat għal dissidenti reliġjużi jew agnostiċi. Ftit 'il bogħod minnha, hemm midfun ukoll Karl Marx. Imma, f'għeluq il-mitt sena minn mewtha, fl-1980, tqiegħdet obeliska bħala mafkar fil-post magħruf bħala *the Poet's Corner*. Maryann Evans hija meqjusa bħala waħda mill-kittieba importanti tal-era Vittorjana għax, fir-rumanzi tagħha, kienet tikteb dwar il-ħajja tan-nies tal-klassi l-baxxa.

**Interpretazzjoni**

Waħda mill-idjomi li l-Maltin iħobbu jgħidu hija li *xkora vojta ma tieqafx*. Jiġifieri, mingħajr materjal ġo fiha, titbewwaq u taqa' gozz fl-art. Fuq l-istess tixbiha, jew ħsieb, jimxi l-istonku. Jekk wieħed ma jkollux stonku mimli, jitlef is-sens ta' perspettiva u jaqa' għal ħwejjeġ li, kieku kellu stonku mimli, qatt ma kien jasal li jagħmel. Il-ġuħ iwassal lil kull maħluq biex jagħmel xi ħaġa drastika ħalli jtaffi d-debbulizza. Il-bhejjem salvaġġi ma jħebbux għall-priża jekk mhux għax iħossu l-istonku vojt u, wara li jieklu kemm jeħtiġilhom, ma jfittxux vittmi oħra. Mela, huwa l-istonku vojt li jġegħelhom jaġixxu b'dak il-mod flok jibqgħu mxaħxħin xi mkien għad-dell.

Ġeneralment, bi stonku vojt, issib min ma jkollux aptit nies; jinnervja malajr u moħħu ma jaħdimx sew. Kif jidħol id-dar, ma jkunx irid kliem u, saħansitra, jitfi r-radju u, jekk jista' jkun, jiskarta anki lill-istess uliedu. Imbagħad, wara li jitrejjaq, moħħu jiċċara, jgħid, "Għall-erwieħ!" u jerġa' jibda jara l-affarijiet b'viżjoni aktar ċara. Ikun aktar disponibbli jifraħ bit-tfal u lest jisma' l-problemi li jkunu ltaqgħu magħhom matul il-jum. Issaħħaħ dan idjoma oħra Maltija li tgħid li *stonku vojt ma jirraġunax*.

Il-karattru ewlieni tar-rumanz ta' Victor Hugò, *Les Miserable*, kien mitfugħ il-ħabs u għadda minn tbatija kbira sempliċiment għax seraq ħobża biex jitrejjaq. Xi drabi, ġellieda partikolari ta' pajjiż jiġu mrawma biex, fl-eventwalità li jispiċċaw mingħajr ikel, jieklu l-insetti u annimali oħrajn li, normalment, ma nikluhomx. Snin ilu, ajruplan iġġarraf qalb il-muntanji fejn, kulma kien jidher, kienet biss il-bjuda tas-silġ. Meta, dawk li salvaw, ma kienx fadlilhom iktar x'jieklu, spiċċaw biex ikkannibalizzaw lil dawk li mietu. U ara ma tgħidux, "Jaqq" għax, meta tkun bil-ġuħ, kollox tiekol. Dawk in-nies żgur li ma kinux jaslu biex jagħmlu ħaġa bħal din kieku ma kinux bil-ġuħ.

Imma din hi biss tifsira gastronomika. Hemm tifsira oħra f'din l-idjoma; tifsira aktar intellettwali u filosofika li twaslilna Maryann Evans jew, aħjar, George Eliot, kif baqgħet magħrufa. Ħadd mhu għaref meta jkollu stonku vojt. L-għerf imsemmi fil-frażi mhuwiex dik l-intelliġenza 'l fuq min-normal imma s-sens komun; dik l-intelliġenza medja li ġġiegħel wieħed iħaddem moħħu u ma tirrendihx f'livell ta' fidil. Imma, biex wieħed ma jkunx hekk, ma jridx ikollu moħħ magħluq, mimli bl-għanqbut u mmuffat. Jekk il-mentalità tiegħu tkun medjokra, bħal taż-Żminijiet tan-Nofs, jekk ħsiebu jkun għadu maħkum minn superstizzjonijiet fiergħa u preġudizzji li ma jagħmlux sens, kif jista', xi darba, ikollu l-veru sens komun; dik l-intelliġenza normali li, biha, jimxi 'l quddiem fil-ħajja u jtejjeb il-mod tal-għajxien tiegħu u ta' dawk li jiddependu minnu?

L-element ta' nuqqas ta' ħsieb insibuh f'artijiet imbiegħda, bħal dawk tal-Afrika u tal-Asja, fejn, popli sħaħ, mhux biss għandhom stonku vojt għax tabilħaqq m'għandhomx x'jieklu imma moħħ vojt ukoll. Huma neqsin mill-għerf sempliċi u elementari li jtejbu ħajjithom u jiżviluppaw l-ambjent ta' madwarhom. Huma neqsin mil-loġika li tgħidlek li, jekk huma stess, ekonomikament mgħaffġin, m'għandhomx jissoktaw iwelldu iżjed tfal meta jafu li ma jistgħux ituhom dinja aħjar.

Sa ftit tas-snin ilu, ħafna fis-soċjetà Maltija kellhom mhux biss stonku vojt imma wkoll moħħ vojt. Il-faqar u l-injoranza kienu l-ordni tal-ġurnata. Min kellu interess iżomm din is-sitwazzjoni kien isaltan fuq dik is-soċjetà għax iż-żaqq il-mimlija qatt ma ħasbet fil-vojta. L-injoranza akkademika u intellettwali ta' dak iż-żmien ma kinitx tippermetti li l-moħħ jinfetaħ u jiżviluppa sakemm, b'intenzjoni patrijottika jew mhix, seħħew il-ġrajjiet tas-7 ta' Ġunju 1919. Minn hemm 'il quddiem, beda żvolġiment politiku qawwi li wassal biex, snin wara, il-politiċi Maltin, kollha bil-metodi differenti tagħhom, biddlu l-mentalità tal-poplu u, b'hekk, seta' jimtela l-istonku battal u jinfetaħ il-moħħ magħluq ħalli l-għerf tal-intelliġenza normali seta' jsib postu.

Għaldaqstant, jekk wieħed jgħaqqad kollox ma' kollox, il-ħsieb ewlieni tal-frażi ta' George Eliot huwa li, meta l-moħħ jitħaddem tajjeb għax ma jkunx mimli ħmerijiet, ikun għaref biżżejjed biex jissokta fil-ħajja ta' kuljum bid-diffikultajiet kollha li ġġib magħha.


## Appell għal min għandu xi kitba tiegħu li tkun **informattiva u/jew ta' interess ġenerali** u jixtieqna nippubblikawhielu f'dan il-*magazine*.

Appell għal min għandu xi kitba tiegħu li tkun **informattiva u/jew ta' interess ġenerali** u jixtieqna nippubblikawhielu f'dan il-*magazine*.

Ix-xewqa tagħna hi li dan il-fuljett ikun verament tagħkom u li jibqa' jkun ta' interess għalikom l-anzjani ħbieb tagħna lkoll. Għaldaqstant, dawk li jixtiequ jaqsmu l-kitba tagħhom ma' sħabna l-anzjani billi tkun ippubblikata f'dan il-*magazine*, nistednuhom jibagħtuhielna u aħna nwegħduhom li, jekk il-kitba tagħhom tkun waħda informattiva u/jew ta' interess ġenerali għall-qarrejja tagħna, aħna nippubblikawha.

Il-Bord Editorjali ta' dan il-*magazine* japprezza anki l-kummenti li intom il-qarrejja jogħġobkom tagħmlulna. Min jixtieq jibgħat xi ittra lill-Editur jew xi kitba tiegħu għall-pubblikazzjoni f'dan il-fuljett jista' jagħmel dan billi jiktbilna f'dan l-indirizz – **Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara, BKR 4811** jew billi jibagħtilna *email* fuq: **maltakna@gmail.com**

Il-Bord Editorjali jirriżerva d-dritt li jiddeċiedi jekk għandux jippubblika kull kitba li jista' jirċievi jew le.

# Il-Ballun

***Rakkont ta' Anthony Said minn Floriana***

Toni qatt ma kien dilettant tal-logħob tal-ballun. Għalih, il-futbol seta' ma jeżistix. Imma darba, meta ntbagħat imexxi fergħa oħra tal-kumpanija li kien jaħdem magħha, kellu x-xorti ħażina li jiffaċċja problema bil-ballun. Darba waħda, Toni kien qed jaħdem għall-kwiet fl-uffiċju tiegħu. Fredu, il-maniġer l-ieħor, kien ġo kamra biswit jaqra l-ġurnali fuq l-*internet*. It-tielet kollega tagħhom, dak il-ħin, kien għadu ma wasalx.

"Ħa naraw kemm ser iġib xogħol Joe," qal Fredu.

"Ċert li ser jirnexxielu jilħaq il-kwota ta' klijenti dax-xahar." wieġeb Toni, li ma kellux aptit iparla. "Suppost li dalwaqt jasal."

Joe kien rappreżentant tal-kumpanija li, xogħlu, kien jikkonsisti f'laqgħat ma' klijenti stabbiliti u prospettivi. Il-Mulej kien żejnu b'kapacità ta' persważjoni u lsien li jikkonvinċi. Min-naħa l-oħra, in-natura xejn ma kienet ħanina miegħu. Kien pjuttost samrani, b'għajnejn kbar taħt ħuġbejn suwed u goffi, bħal xagħru, snien imbegħdin u mnieħer oħxon. Toni kien jgħid li d-dehra ta' Joe kienet iġġiegħel lill-klijenti joqogħdu għal dak li jgħidilhom għax kienu jibżgħu minnu. Dak x'kien?" għajjat Fredu, hekk kif ħoss qawwi nstema' ġej mill-kurutur. Toni mar jara x'ġara u qarras wiċċu. Fil-kurutur, kien hemm ballun maħmuġ li kien daħal minn tieqa miftuħa u li ħammeġ it-tapit bit-tajn u anki qaleb važun tal-bronż.

"Waddbuh lura dak il-ballun!" qal xi ħadd minn barra. Toni qabad il-ballun u ttawwal mit-tieqa. Maġenb il-kumpless tal-uffiċini, kien hemm biċċa art mhux maħduma fejn it-tfal kienu jiġu jilagħbu l-ballun. Toni u sħabu kienu xebgħu bl-istorbju tat-tfal; l-aktar meta dawn tal-aħħar kienu jkunu bil-vaganzi. Kif raw lil Toni bil-ballun f'idu, wieħed mit-tfal għajjat: "X'qed tistenna biex ittihulna dak il-ballun, man?"

"Dan hawn se jibqa'," wieġeb Toni waqt li għolla l-ballun f'idu, biex aktar jaħraqhom, "ħalli titgħallmu ma tagħmlux storbju!"

"Waddabulna, ejja, għax nitilgħu għalik!" reġa' qal it-tifel li, issa, kien jidher irrabjat.

"Jekk ma ttihulniex, ħażin għalik!" għajjat tifel ieħor. Toni tbissem, għalaq it-tieqa u dar lejn Fredu li kien warajh.

"X'ser tagħmel b'dak il-ballun?" staqsa Fredu. "Mhux aħjar



ittihulhom u ma naqilgħux inkwiet?"

Toni ma qal xejn. Daħal f'kamra fejn kien hemm ħafna *cabinets* tal-ħadid li, fihom, kienu jerfgħu il-*files* tal-klijenti u poġġa l-ballun fil-qiegħ ta' wieħed minnhom. Min-naħa tagħhom, it-tfal xejn ma ħadu gost u, tnejn minnhom, ġrew lejn il-bieb tal-kumpless fejn sabu jwaqqafhom uffiċjal tas-sigurtà.

"Ma tistgħux tidħlu hawn!" qalilhom b'leħen sod. "Dan uffiċju kummerċjali mhux grawnd tal-futbol! Morru 'l hemm!"

"Aħna rridu l-ballun!" insista wieħed mit-tfal.

Dak il-ħin, waslet karozza li waqfet quddiem l-uffiċini u, minnha, ħareġ raġel bil-ġlekk, bl-ingravata u bagalja f'idu. Mexa lejn il-bieb u, kif rah, l-uffiċjal tas-sigurtà sellimlu. "Bonġu, Sur Joe!" qallu waqt li ż-żewġ subien baqgħu jħarsu lejh; mhux għax kien liebes pulit imma għax wiċċu kien, kif ngħidu, tad-daqqiet ta' ħarta.

"Dawn it-tfal x'qed jagħmlu hawn?" staqsa Joe b'leħen imqit iktar minn tal-uffiċjal tas-sigurtà. Imbagħad, dar lejn it-tfal u: "Morru 'l hemm! Hawn mhux post tat-tfal!"

"Għidilhom Sur Joe!" qal l-uffiċjal. "Iridu jidħlu biex iġibu l-ballun li daħlilhom hawn ġew."

"Issa tiħduh il-ballun!" qalilhom is-Sur Joe b'ċerta nkejja li, jekk hu possibbli, aktar kerrħitlu wiċċu milli kien.

Is-Sur Joe daħal u baqa' tiela dritt l-uffiċju tiegħu. Kif wasal, sab lil Toni quddiemu. "*Good news*," qallu Joe b'vuċi għolja. "Il-klijent kellu reazzjoni pożittiva għall-proposti tagħna. Ħa jitkellem mal-*head office* ta' Frankfurt u jagħtina risposta malajr kemm jista' jkun."

"Prosit Joe, dan klijent kbir u, jekk niksbuh, inkunu ssuperajna l-fergħat l-oħra." qallu Toni, li kien diġá għamilha fatta. "Tina rapport fuq dak li għamilt u, malli tlestih, ġibulna ħa narawh." Joe ma qallu xejn dwar it-tfal li ra hu u dieħel l-uffiċju għax dak l-episodju kien diġá nsieh. Imma t-tfal ma nsewħx! Dawk iż-żewġt iqriemeċ li talbu l-ballun kienu ddeteminati li jiksbuh lura. Daru dawra mal-kumpless u ndunaw li, fuq wara, kien hemm fetħa fil-ħajt li, minnha, setgħu jidħlu ġo bitħa. Hemmhekk, daqsxejn fil-għoli, raw tieqa żgħira mbexxqa. Sabu tank tal-ħamsa u erbgħin gallun li kien vojt, telgħu fuqu u malajr sabu ruħhom ġewwa. Kien hemm taraġ għal ħruġ ta' emerġenza jagħti għas-sulari kollha. L-uffiċini kienu fit-tieni sular. Malajr telgħu u sabu bieb li ma kienx imsakkar. Daħlu bla ħoss f'kurutur miksi b'tapit *wall-to-wall*. Kif kien għoddhom waslu f'liwja, semgħu lil xi ħadd riesaq lejhom. Kien is-Sur Joe li tant kien mehdi jifli l-mazz karti li kellu f'idejh li baqa' għaddej u lanqas biss induna bihom.

"Dak li kien isfel u beda jgħajjat magħna!" qal Matthew minn taħt l-ilsien. "Kemm hu ikrah! Qisu x-xitan! X'ser nagħmlu, Pin?"



Pinu ma qal xejn imma qabad l-ewwel ħaġa li sab, biċċa aluminju, mar bil-mod wara r-raġel u xarrablu daqqa biha f'nofs l-iskutella ta' rasu. Joe telaq il-karti minn idejh, waqa', ħabat mal-ħajt u tkaxkar miegħu sakemm spiċċa fl-art. Kien ser jaħbat iqum imma daqqa oħra fuq rasu ħallietu lluppjat. "Imma dan ma jafx fejn hu l-ballun," qal Matthew; "għax wasal wara li ħadulna sieħbu!"

"Issa nsibu lil dak li ħadilna l-ballun" qallu Pinu. "Dak żġur li jaf!" Ma mxewx wisq xħin semgħu xi ilħna. Iż-żewġ maniġers kienu qed jiddiskutu bejniethom. "Hemm hu dak li serqilna l-ballun!" reġa' Pinu hekk kif għaraf lil Toni.

"Joe għandu jtina rapport fuq dak kollu li għamel" kien qed jgħid Fredu. "Malli jlestih, inkunu nistgħu niddiskutuh."

"Jien naħseb li jkun aħjar jekk tmur ittih daqqa t'id, Fred" wieġeb Toni, "għax dak taf kemm idum ikaxkar biex jikteb biċċa rapport!"

Fredu ħareġ mill-kamra imma, kif lewa għall-kurutur, qala daqqa fuq moħħu, qaleb għajnejh 'l fuq u stabat fuq it-tapit. Toni sema l-ħoss, ħareġ jara x'ġara u kien sejjer fejn sieħbu imma gambetta xkanatu minn tulu fuq it-tapit ukoll. Fil-pront, fuqu, qabżu żewġ subien. Toni mill-ewwel induna li kienu tnejn minn dawk iċ-ċorma tfal li kienu qed jilagħbu l-ballun fuq is-simenta ta' ħdejhom. Toni ma setax jiċċaqlaq taħt dawk iż-żewġ għefiered. Wieħed minnhom dawwarlu driegħu wara dahru u beda jilwihielu sakemm Toni kellu jgħid ajma.

"Issa, jew ittina l-ballun jew niksruhielek!" heddu Pinu. Il-maniġer ma xtaqx iċedi daqshekk malajr u pprova jinqala' minn taħt dawk iż-żewġ dimonji imma ma rnexxilux.

"Orrajt, orrajt! ... Intihulkom" għajjat Toni, "Imma tilwix iżjed għax veru se tiksirhieli!" Toni qam u beda miexi lejn l-uffiċju bħal priġunier miżmum minn żewġt iqriemeċ. Marru fil-kamra fejn kien hemm il-ballun u Toni newwilulhom. It-tfal tgħidx kemm ferħu li kienet għaddiet tagħhom u, kif rahom hekk aljenati, Toni ttanta jsejjaħ l-uffiċjal tas-sigurtà. Imma t-tfal kienu eħfef minnu. Reġgħu qabżu fuqu, sammruh mal-ħajt u, fuq wiċċhom, ma kellhomx ħlief ħars ta' theddid.



Żewġ sulari 'l isfel, l-uffiċjal tas-sigurtá sema› l-għajjat u l-ħsejjes ġejjin minn fuq. Allerta lil ta' fuqu u tela› żewġ sulari biex jara x›kien qed jiġri. Kif wasal, fil-kurutur sab lis-Sur Joe mgħaxxex fl-art. "Xi ġralek Sur Joe?" staqsieh. Joe ħarrek naqra rasu, gedwed xi ħaġa ma tiftihemx u baqa' jħares ċass fil-vojt. "Għandna l-inkwiet hawn, Sir!" qal is-*security* waqt li għamel il-*walkie-talkie* ma' ħalqu. "Fit-tieni sular, hawn impjegat stordut fl-art, qisu qala' xi daqtejn!" Ħalla lil Joe fejn kien u mar ikompli jfittex. Sema' lil xi ħadd jokrob f'wieħed mill-uffiċji u, jekk inħasad meta ra lil Joe, aktar u aktar stagħġeb xħin lemaħ lil Toni fl-art, b'wiċċu aħmar nar u b'għajnejh imberrqin. Kif Toni kien qed jipprova jgħid lil tas-*security* x'kien ġara, daħal Fredu, qisu wieħed imdamdam, ikaxkar saqajh u jitbandal, bħal xi ħadd fis-sakra, bi ħwejġu żmattati u b'gundalla daqsiex fuq moħħu.

"Għidtlek jien biex ittihulhom dak il-ballun!" qal Fredu b'leħen maħnuq. "Issa ara x'ħadna!"

Iż-żewġ maniġers baqgħu jikkustinjaw u jilletikaw flimkien imma ma kellhomx għalfejn jinkwetaw li dik il-ħaġa kienet ser terġa' tirrepeti ruħha. Fi ftit taż-żmien, dik il-biċċa art fejn, darba, kienu jilagħbu t-tfal, ġiet rijabilitata u magħluqa kif suppost. Daqshekk sar logħob tal-ballun hemmhekk; daqshekk sar storbju u għajjat tat-tfal u, b'hekk, il-problema ġiet solvuta darba għal dejjem.



## Limerikk

Is-Siġġiewi hemm xiħ, jismu Kola
Li sar aħmar tadama bis-sogħla.
Tabib, ftit sbuxxlat,
Tah il-permanganat
U, minflok għaddielu, sar vjola.

***Vincent Piccinino***

# The homeland

***A story by Liz Bajada***



One of the things that always fascinates me when I'm travelling is not just all the wonderful and historical places that I visit but also the time that I spend waiting at the airport till my flight is called. It might be for only a couple of hours or perhaps more but, somehow, during this period, I always find someone who is eager to strike a conversation with me.

Recently, when I was returning home from a very relaxing holiday in the UK, just as I was about to get up to make my way to the allotted gate, a voice over the loudspeaker announced that my flight was going to be delayed. "Oh no," I murmured in a somewhat annoyed voice while I slouched back into my seat.

It was then that a woman sitting next to me turned around and remarked, "Mine too has been delayed. I should be flying to Madeira. I have been waiting here for a whole hour and, so far, we have not been notified when the plane will be leaving."

I turned around to see who was addressing me. Although I had been sitting there for some time, I was so engrossed in the game I was playing on my smart-phone that I had not noticed this pretty woman sitting right next to me.

The lady, who introduced herself as Sonya, must have been in her late forties. She was smartly dressed and had a very pleasant voice. She was on her own and I suspected that she was, perhaps, eager for a chat. "Very annoying," I replied. "These delays can ruin your holiday."

She didn't need much more encouragement than that. Right away, she started relating her life story which was quite fascinating. Sonya was off to see her sister in Madeira; her homeland. She hailed from a family of twelve and was one of the last three. Her parents had been famers, tilling the land and looking after the few cows and sheep that helped feed the family. Life for her parents had not been easy, especially for her mother. She lost her husband at a young age and was left to look after the nine children who were still living at home. Luckily, Sonya's mother was a very positive and practical individual. Immediately, she organised the family in such a way so that the older boys, who already had a good knowledge of farming, took on the big jobs. The rest of the family had to help with the animals and around the house.

Sonya too had to make her contribution. Although she was only twelve years old at the time, she had to quit school to help with the various odd jobs. Luckily, however, when her mother called at the school to inform the Head that her child will be needed around the house, the kind Headmistress, knowing that the girl liked school and was eager to continue with her studies, volunteered to give her private lessons in the main subjects during weekends. It was thanks to this kind woman's generosity that, later on, Sonya managed to improve her position in life.

During one of the Farmer's annual fairs, when she had just turned sixteen, Sonya met Antonio, a young Portuguese boy. They became madly in love and, not much later, they decided to get married. Since both wished to have a better life than the one they had had by then, they decided to start a new life in the United Kingdom. "You see?" she said. "Nothing daunts you when you're young and in love! Married life in a new country looked very adventurous."

But she soon found that life in England was not as easy and as adventurous as they had imagined. For starters, there was the language barrier as they both were not fluent in English. The cold, rainy and dreary weather also made her lose some of her original enthusiasm. Luckily, her husband found a job as a clerk with one of the big companies while she took up the job of an assistant chef in a pub.

The birth of a beautiful baby girl who, after two years, was joined by a sister, kept Sonya very busy and she had very little time to worry about herself. But, once the girls grew up and were settled at university, she decided to take a training course as a carer, after which, she started working in an old people's home. This job proved very rewarding since, besides the pay being very good, the patients appreciated her hard work, her dedication and the attention she gave to all of them.

Sonya had always kept in touch with her family but, due to various financial commitments that she and Antonio had made, year after year, she had to put off a holiday in Madeira. Some of her brothers and sisters had visited her a number of times but she still yearned to go back, even if only for a visit, after almost twenty-five years away from her homeland. Now, with this new job, she managed to save enough money for a flight ticket without putting any strains on the family savings. She discussed her wish with her husband who, immediately, understood her yearning for home. Unfortunately, due to work exigencies, he was unable to accompany her but he still encouraged her to go. And here she was, waiting for the time when the flight leaves for her beautiful island of Madeira. She was looking forward to the warm weather and the beautiful sea where you can swim up to the end of November, if you like. The food there was simply delicious and life in general was calm and peaceful.

At this point, a voice from the loudspeaker announced Sonya's flight. She sprang out of her seat, picked up her hand-luggage and waving goodbye with a big smile on her face, quickly disappeared among the crowd which, by then, had filled up the hall.

I found myself thinking how one's opinions change as one grows older. Experience makes one wiser and more appreciative of the things that look so trivial and unimportant when one is young but, then, assume a different dimension as time goes by. In a brief space of time, Sonya had related a world of wisdom to a perfect stranger. She had gone round in a full circle, had several experiences and was now going back to her roots. Much as we may think that the grass is always greener in someone else's patch of garden, there is really no place like home!

# Titwiliet Għawdxin

*Kitba ta' Antoine Vassallo minn Victoria, Għawdex*

**Tat-Tmien Kantunieri**



Bosta jħossu li pajjiżna huwa għani wisq fil-wirt artistiku u storiku biex jirnexxielna nżommu kollox fi stat xieraq. Infatti, għandna lista twila ta' eżempji fejn oġġetti u postijiet intilfu minħabba t-traskuraġni. Dan hu żgur ta' diżappunt għax mhux faċli biex terġa' takkwista dak li titlef. Illum, ser inħares lejn eċċezzjoni fis-sens li post mitluq reġa' ngħata bixra daqslikieku ġdid.

It-tieni mitħna li nafu li nbniet f'Għawdex, fi żmien il-Gran Mastru Perellos, kellha forma eċċezzjonali; bi tmien kantunieri, biex tħares mhux biss lejn l-erbat irjieħ ewlenin imma anki lejn is-sekondarji. Fil-gżira ta' Malta, kien hemm tnejn biss simili għaliha u, allura, l-Għawdxija għandha valur, saħansitra, aqwa. Nagħmluha ċara, waqfet titħan fl-1886, minħabba ħruq li qered l-apparat, sintendi, tal-injam. Għal snin twal, jekk serviet għal xi ħaġa, intużat inkonnessjoni mal-agrikultura. Imma, ħlief għal meta wżawha ftit il-banda ġdida tar-raħal, naħseb li nkun iktar eżatt jekk ngħid li baqgħet abbandunata. Kienet ħasra ikbar minħabba l-pożizzjoni tagħha, fit-triq ewlenija li, mill-port tal-Mġarr, twasslek għall-kapitali, eżattament fil-bidu nett tad-daħla għax-Xewkija.

Ma ninsewx li l-imtieħen, li kellna xi ħamsin minnhom mifruxin mal-ibliet u l-irħula, normalment, kienu proprjetà tal-gvern u mwellijin, jew mikrijin donnu b'regola, lill-membri tal-istess familja. Fl-aħħar, il-Ministeru għal Għawdex aċċetta l-proposti ripetuti li jerġa' jeħodha f'idejh u jsir proġett sostanzjali, b'mijiet ta' eluf ta' ewro minn fondi Ewropej, ħalli din il-mitħna terġa' tingħata l-ħajja. B'konsultazzjoni mal-għaqda volontarja, Wirt Għawdex, li hija magħrufa sew kemm tinvolvi ruħha f'bosta proġetti ta' restawr madwarna, sar xogħol imprezzabbli, kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra, minn ħaddiema tas-sengħa b'esperjenza. Dan ix-xogħol kien jinkludi l-bini tal-injam minflok il-biċċiet li kienu nħarqu u t-twaqqigħ ta' bini miżjud iktar reċenti biex inħolqot bħal bitħa gustuża fejn jistgħu jsiru attivitajiet fl-apert, x'aktarx ta' natura folkloristika bħal daqq u żfin bil-kostumi tradizzjonali. F'dawn l-aħħar ħames snin, il-"Mitħna l-ġdida" saret attrazzjoni interessanti miftuħa mingħajr ħlas għal ħinijiet twal kuljum. Turisti u Maltin jistgħu jsegwu filmat informattiv, u jduru ż-żewġ sulari, ħalli jifhmu sew kif kien jintaħan il-qamħ fi żminijiet imbiegħda u minsija mir-realtajiet tal-lum.

Iżuruha wkoll dawk li jipparteċipaw f'attivitajiet bħal diskorsi, diskussjonijiet u anki serati mużikali. Inizjattiva ta' siwi kienet l-idea li jsiru sensiela interminabbli ta' wirjiet varjati tant li, tista' tgħid, koprew sena sħiħa. Jien kont involut fi tlieta minnhom imtellgħin mis-Soċjetà Filatelika u, bħalissa, qed inħejju oħrajn ukoll. Nista' ngħidilkom li sriebet ta' nies jitfaċċaw kuljum biex jakkwistaw il-biljett b'xejn.

Tefgħa ta' ġebla 'l bogħod, hemm ċentru kummerċjali, żewġ ċimiterji (wieħed iċ-ċivili tal-gżira u l-ieħor parrokkjali) u ċ-Ċentru tal-Volontarjat. Anki din il-binja, wara li serviet fil-Gwerra, tħalliet ftit mitluqa sakemm ġiet irranġata mill-Ministeru biex taqdi lil bosta għaqdiet li tant jagħnuna. Hawn kont involut ukoll għax għamilt snin bħala President tal-Assoċjazzjoni tagħhom b'mijiet ta' membri. Illum, il-Ministeru ddeċieda li jagħtiha f'idejn il-Kunsill Malti tal-Volontarjat.

Minn naħa l-oħra, jekk inkomplu deħlin 'il ġewwa fit-triq tal-mitħna, ma ndumux biex naslu fil-Pjazza tar-Rotunda. Hekk, ikollna kuntrast enormi bejn binja sempliċi u oħra spettakolari. Żgur li jixraq li nżuru dan it-tempju u nistgħu nibdew billi nikkummentaw li, bla dubju, għandu iktar minn tmien kantunieri!

Peress li, din is-sensiela tiegħi, tikkonsisti f'titwiliet ġenerali, ma nistax nidħol fid-dettal li jixirqilha l-Knisja Parrokkjali tax-Xewkija li hija ddedikata lil San Ġwann Battista u li hija wkoll id-dar lokali tal-Ordni Ospitalier li jqisu lil San Ġwann Battista bħala l-patrun tagħhom. Żgur jolqtuna t-tili ta' Pawlu Camilleri Cauchi li tana xeni minn ħajtu. Ma nistgħux ninjoraw l-orgni li żdied fl-aħħar snin, wirt fi tmiem il-parrokat twil tal-Arċipriet, Carmelo Mercieca. Infittxu l-vara patrunali li, minkejja li hija biċċa skultura tal-għaġeb, tista' tinħass ta' daqs żgħir f'dan il-wisgħa enormi. Dan mhu ħtija ta' ħadd ħlief tad-deċiżjoni li titwaqqa' l-binja oriġinali għax bdiet tinħass ċkejkna wisq għall-popolazzjoni dejjem tiżdied. Żgur li huwa xieraq li ntemmu ż-żjara tagħna billi nduru l-mużew tal-arkitettura li jiġbor fih ftit mill-ġebel imprezzabbli li ma tħalliex jintilef.

Nikkonkludi b'żewġ fatti Xewkin ta' ċertu interess. L-ewwel wieħed huwa li, meta kien imqabbad biex jagħmel l-istatwa tal-Battista, l-iskultur Pietru Pawl Azzopardi talab permess biex jikkopja r-ras tal-vara doppja, pjuttost unika, ta' Ġesù Marija fil-Knisja ta' San Ġorġ. U t-tieni hu li l-Arċipriet li, fi żmienu, inbniet ir-Rotunda, Dun Ġużepp Grech, kien miet b'ċilindru tal-gass li waqa' fuqu minn fuq trakk!



# Il-Kunsill jifraħ ukoll lil Dr Paula Mifsud Bonnici għall-ħatra tagħha bħala *Shadow Minister* għall-Anzjani

Dr Paula Mifsud Bonnici hija avukat u, mis-sena 2013 sal-lum, bħala Membru Parlamentari, hija kienet, u għadha, il-kelliema ewlenija f'isem il-Partit Nazzjonalista għal dak kollu li jirrigwarda lill-anzjani. Dr Mifsud Bonnici kienet Membru tal-Kumitat għall-Affarijiet tal-Familja u tal-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali.

Paula hija parti minn familja b'għeruq politiċi li jmorru lura sew fl-istorja politika ta' pajjiżna. Missierha, Antoine Mifsud Bonnici, kien Membru Parlamentari mill-1987 sal-2008 u, matul dan iż-żmien, serva bħala Ministru għall-Anzjani għal għadd ta' snin ġmielhom. Dr Carmelo Mifsud Bonnici wkoll kien Membru Parlamentari u Ministru tal-Gvern fis-snin imgħoddija filwaqt li ziju tagħha, Karmenu Mifsud Bonnici, serva bħala Prim Ministru ta' Malta bejn l-1984 u l-1987. Fl-istess kuntest, qraba oħrajn ta' missierha huma Dr Ugo Mifsud Bonnici, President ta' Malta bejn l-1994 u l-1999, kif ukoll Dr Carmelo Mifsud Bonnici, Ministru tal-Intern għas-snin 2008 sal-2012.

Dr Paula Mifsud Bonnici bdiet il-karriera politika tagħha fl-elezzjonijiet lokali tal-1996 fil-lokalità tal-Ħamrun u, f'Novembru tal-2009, saret l-ewwel mara li kienet eletta President tal-Kunsill Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, kariga li, għaliha, kienet eletta mill-ġdid fis-sena 2015. Hija serviet ukoll bħala *Shadow Minister* għall-Affarijiet Soċjali u kienet eletta mill-ġdid fl-Elezzjonijiet Ġenerali kemm tas-sena 2022 u anki f'dik tal-2026 meta, għal darb' oħra, Dr Paula Mifsud Bonniċi reġgħet ġiet fdata mill-Partit Nazzjonalista bir-responsabbiltà ta' kelliema ewlenija u bħala *Shadow Minister* għall-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal

# Talba mill-anzjani lill-Madonna



Tini jdejk ja Verġni Mqaddsa,
żommni sew biex ma naqax.
Nibża' ħafna meta nimxi
'mma, bik miegħi, ma nibżax.
Meta naqsam, iggwidani
u, fit-taraġ, għinni ftit.
Il-ħsieb biss li inti ħdejja
hu konfort tal-akbar ġid.
Miegħi kun fejn irrid nasal;
witti t-triq mingħajr inkwiet;
għinni nsolvi il-problemi
li jinqalgħu ta' sikwit.
U, xħin tibda taqa' d-dalma
lura d-dar inkun se mmur,
tini jdejk O Verġni Mqaddsa
u, flimkien, hemm naslu żgur.

***Lily Dimech***
***Valletta***